# 12

# Il-Ħajja fl-Għaqdiet

Minnu nnifsu u sa mill-ewwel snin tiegħu, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù dejjem serva ta' inkubatur għal diversi għaqdiet taż-żgħażagħ. Hekk kien mill-bidu u hekk għadu sal-lum. U hekk jeħtieġ li jibqa' fil-futur. L-entużjażmu ta' xi wħud f'xi interess komuni, ngħidu aħna l-kant, il-fidi, il-letteratura, id-drama jew l-isports, jasal f'punt li ma jibqax iżjed privat u fil-moħbi. Għalhekk ikun meħtieġ li biex dan l-interess isir pubbliku, l-entużjażmu tal-ftit individwi jittrasforma ruħu fi struttura ta' għaqda jew moviment minn fejn tkun tista' tikber il-parteċipazzjoni ta' oħrajn. Dan iwassal biex ikun iffurmat statut, ikun nominat jew elett kumitat u finalment jitfassal programm ta' attivitajiet. Dan huwa n-nukleu elementari ta' kull għaqda biex tilħaq l-iskop tagħha u b'hekk xxettel għanijiet u interessi komuni. Il-ħajja fl-għaqdiet hija sabiħa għax tfejjaq lill-bniedem mill-apatija, tagħtih skop għal ħidmietu, tlaqqgħu ma' ħbieb ġodda, tgħallmu ħiliet addizzjonali u sservi ta' pjattaforma fejn iħaddem it-talenti tiegħu. Fuq kollox l-għaqdiet, mhux l-inqas dawk taż-żgħażagħ, huma l-mutur tal-volontarjat li tant huwa prezzjuż għall-progress soċjali, ekonomiku u politiku ta' kull nazzjon.

L-istorja ta' dawn l-aħħar mitt sena minn kemm ilu l-Oratorju mwaqqaf fil-Mosta hija miżgħuda bi stejjer ta' għaqdiet li ħadmu fi ħdanu jew permezz tiegħu. Fil-kapitli preċidenti diġà ssemmew xi wħud minnhom, fosthom il-*Boy Scouts*, il-kumpanija drammatika ta' San Genasio, il-Banda Nicolò Isouard, l-Orkestra Maria Assunta u l-Ġuvintur Azzjoni Kattolika. Dawn l-għaqdiet minn dejjem kienu kruċjali biex l-Oratorju jilħaq l-iskop tiegħu ta' formazzjoni sħiħa fost it-tfal u ż-żgħażagħ u, fl-istess waqt, huma importanti biex iħaddmu l-faċilitajiet eżistenti li minnhom tgawdi l-komunità kollha. Dan il-kapitlu huwa kompost minn għadd ta' taqsimiet u f'kull waħda minnhom se tkun ittrattata l-ħidma ta' xi għaqda partikolari. B'kollox għażilt tmien għaqdiet maġġuri li ħadmu fl-Oratorju minn wara l-gwerra (1943) sas-sena 2000. Dawn jidhru elenkati fi Grafika 12.1. Nirrimarkaw li l-vleġeġ jindikaw il-mod kronoloġiku ta' kif dawn l-għaqdiet se jkunu inkwadrati fit-taqsimiet li jmiss; nibdew l-ewwel b'dawk li twaqqfu l-ewwel u nibqgħu sejrin sal-aħħar għaqda li ġiet iffondata tul il-perjodu magħżul. It-tlieta li jidhru fi ċrieki griżi huma l-aktar għaqdiet li damu jaħdmu fi ħdan l-Oratorju u għalhekk huma instrinsikament marbuta mal-istorja u l-funzjonijiet ewlenin tiegħu.

Dan ma jfissirx li matul dawn il-ħamsin sena u aktar ma kienx hemm gruppi oħrajn minbarra dawk imsemmija. Fil-fatt kien hemm, però għażilna dawk li l-aktar spikkaw u li kienu robusti fl-istruttura u f'ħidmiethom. Mill-banda l-oħra, dawk l-għaqdiet li spuntaw fl-Oratorju, jew li sabu kenn fih, wara s-sena 2000 ikunu ttrattati f'kapitlu 14.

It-tagħrif insilet l-aktar kemm mill-minuti tas-seduti tal-kumitati tal-għaqdiet rispettitivi, mill-pubblikazzjoniet tagħhom u minn għadd ta' intervisti li għamilt ma' xi talin li kienu protagonisti. Uħud mill-għaqdiet faqqsu fl-Oratorju u mbagħad, wara li mmaturaw, għażlu li jissoktaw b'ħidmiethom fi kwartieri indipendenti. Għall-iskop ta' dan il-ktieb, it-tagħrif u l-esperjenzi li qegħdin jinġabu hawn jikkonċernaw biss dawk is-snin li l-għaqdiet damu joperaw fi ħdan l-Oratorju jew inkella dawk l-inizjattivi li ħadu b'risq iċ-ċentru li wellidhom jew li laqagħhom.

Biex wieħed isir midħla tal-Oratorju ma jistax jieqaf biss mal-istrutturi tal-ġebel. Irid ifittex u jfannad ukoll fl-għaqdiet tiegħu. Flimkien mat-tagħlim tal-katekiżmu, l-għaqdiet huma strumentali biex jonfħu n-nifs tal-ħajja fl-Oratorju – biex il-*hardware* investit, jitħaddem u jagħti l-frott. It-tmien taqsimiet li jmiss se jagħtu stampa ħajja ta' dak li ppruvaw jagħmlu dawn l-għaqdiet għall-ġid tal-membri tagħhom, tal-komunità u, f'ċerti każijiet, tas-soċjetà Maltija inġenerali.

**Grafika 12.1: L-għaqdiet li operaw fl-Oratorju wara l-Gwerra sas-sena 2000**




*Mario Thomas Vassallo, 2016*

# 12.1

# Il-Mosta Boy Scouts

Kif rajna sa minn kapitlu 2, l-ewwel Oratorju fil-Mosta fi Triq il-Kungress Ewkaristiku kien l-inkubatur tal-*boy scouts* fil-Mosta. Bis-saħħa ta' Dun Edgar Salomone, il-moviment tal-iscouts ġie introdott fil-Mosta. Wara li damu jiffunzjonaw fl-Oratorju għal ħames snin, l-iscouts ddeċidew li jfendu għal rashom sakemm, wara ħafna diffikultajiet u sagrifiċċji, reġgħu ddaħħlu taħt is-saqaf ta' Oratorju ġdid fl-1939, din id-darba bis-saħħa ta' Dun Karm Sciberras. Rajna wkoll f'kapitlu 7 kif il-gwerra sfrattat lill-iscouts Mostin, għalkemm waħdiet minnhom, lebsin l-uniformi, baqgħu joffru servizz lill-komunità tul it-tliet snin tal-attakki mill-ajru. Meta għaddiet l-isħaba sewda tal-gwerra minn fuq Malta u fis-sema reġgħet iddiet ix-xemx tal-paċi, l-iscouts reġgħu ħadu n-nifs tal-ħajja fl-Oratorju. F'din it-taqsima se ninkwadraw l-attivitajiet tal-*boy scouts* wara l-gwerra sakemm eventwalment reġgħu ħarġu mill-Oratorju fl-1955.

## Titnieda l-banda tal-iscouts

Taħt it-tmexxija ta' Carmelo Schembri, il-moviment tal-*boy scouts* reġa' nbena mill-ġdid, żdiedu l-membri u żdiedu wkoll l-attivitajiet. Mhux talli hekk, talli saru wkoll xi innovazzjonijiet. Tant hu hekk li kien f'dan iż-żmien eċitanti ta' rifondazzjoni meta l-iscouts waqqfu l-ewwel banda tagħhom fl-1948. Il-moħħ wara l-banda kien is-Surmast Ġanni Vella. Vella kien wkoll is-surmast tal-Baned Nicolò Isouard tal-Mosta, San Ġorġ ta' Ħal Qormi u San Nikola tas-Siġġiewi. Essenzjalment, il-banda tal-iscouts tal-Mosta kienet *brass band* li flimkien mat-*trumpets* u l-bjugils, kienu jitwaħħdu wkoll il-ħsejjes tal-perkussjoni. Missieri, Joseph Vassallo (1937-2010), kien l-iscouter responsabbli mid-daqq tal-platti! Il-banda kienet attiva fil-festi tal-Mosta u tal-pajjiż, u baqgħet għaddejja sal-1960, meta minħabba l-emigrazzjoni tal-massa, il-banda sfaxxat fix-xejn. Madankollu reġgħet twaqqfet sitt snin wara, fl-1966, taħt il-*Group Scout Leader*, Charles Vella, u minn dakinhar sal-lum qatt ma ħarset lura.

Ta' min isemmi li għalkemm eventwalment l-iscouts ħarġu 'l barra mill-Oratorju biex jistabilixxu kwartier għalihom, ir-rabta tagħhom ma' dan iċ-ċentru baqgħet tissarraf

b'mod konkret ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Dun Anġ kien iġedded l-invit tiegħu minn sena għal sena biex il-banda tal-iscouts tieħu sehem nhar il-festa filgħodu permezz ta' marċ fil-pjazza u fuq iz-zuntier tal-Oratorju. Kien hemm żmien meta anki fil-purċissjoni bis-sagrament ta' filgħaxija madwar il-blokka tal-Oratorju kienu jipparteċipaw l-iscouts (Vella 2015). Żewġ *scouters* trumpettiera kienu wkoll idoqqu fil-kappella, propju waqt il-mument solenni tas-santu tal-quddiesa tal-festa. Ta' tifel li kont, u anki meta kbirt, baqgħet taffaxxinani dik il-fanfarra qawwija tat-*trumpets* iddamdam mal-ħitan tal-kappella tal-Oratorju waqt li l-konċelebrant kien jgħolli l-ostja mqaddsa u l-kalċi! Għadni nismagħha ttambar f'widnejja sal-lum. M'għandniex xi ngħidu, Dun Anġ kien jittrattahom tajjeb lit-tfal u liż-żgħażagħ tal-iscouts għax wara l-quddiesa kien jagħtihom bibità fil-bar tal-Oratorju qabel ma jerġgħu jerħulha bil-banda lejn il-kwartier tagħhom fuq in-naħa l-oħra ta' Triq it-Torri. 'Ma' Dun Anġ konna ħaġa waħda, konna fuq l-idejn', qalli b'ċertu nostalġija Charles Vella (2015).

## Għand l-Arċisqof biex juru lil wiċċ Kristu

Fis-snin ħamsin kienet it-truppa tal-iscouts li kienet responsabbli mid-dramm tal-passjoni fis-sala tal-Oartorju. Il-parti ta' Ġesù kienet tkun interpretata J.J. Camilleri u kienu jintużaw diversi xenarji u effetti speċjali biex id-dramm jibqa' frisk u appellabli. Imma darba minnhom, mhux kollox mexa ħarir, kif jirrakkonta l-istess J.J. Camilleri,

> Fil-ġnien taż-żebbuġ jiġi l-anġlu bil-kalċi biex isabbar. Fil-fehma tad-direttur, id-dħul tal-anġlu ma kienx effettiv u għalhekk ried xi ħaġa aktar drammatika. Ġie deċiż li l-anġlu jiddendel u jinżel qajla qajla mill-għoli billi jiżżerżaq fuq wajer irqiq tal-azzar... Wara li jien iddeklamajt [fil-parti ta' Ġesù], xegħel id-dawl qawwi, u l-anġlu liebes l-aħmar beda nieżel lejja qajla qajla bil-kalċi f'id waħdu, u salib tal-injam imdaqqas fl-oħra. Iżda x-xitan jgħidu li ma jaħmilx għaliex xħin l-anġlu wasal fin-nofs, dan fettillu jdur u jagħtini dahru. Kelli l-ħsieb għall-ewwel nerġa' ndawru, iżda bżajt li jerġa' jdurli u noqogħdu nilagħbu... Kelli s-sens komun u dort jien. Kien qam daqsxejn tal-għagħa [fis-sala]. (J.J.Camilleri, 2014: 390)

L-iskript f'dik il-ħabta qajla kien jinbidel minn sena għal oħra. Fl-arkivju tal-iscouts għadu merfugħ l-iskript oriġinali miktub bl-idejn ta' dan id-dramm kompost minn sitt atti, intitolat *Bejn l-Art u s-Sema* jew *Golgota*. Kien kitbu l-istess J.J. Camilleri li eventwalment sar pilastru ewlieni fil-kitba ta' rumanzi bil-Malti. L-iskript kien jinkludi s-sehem ta' biżibilju atturi. Il-parti tan-nisa kienet tinħadem mill-irġiel u wiċċ Kristu ma setax jidher biex hekk jinżamm id-dekor u r-rispett sħiħ lejn il-figura ta' Ġesù Kristu! Delegazzjoni mill-Oratorju mmexxija minn J.J. Camileri kellha titla' l-Kurja biex tikseb il-permess li jidher wiċċ l-attur li kellu jaħdimha ta' Ġesù. L-approvazzjoni kellha tingħata m'għand ħadd ħlief l-Arċisqof Mikiel Gonzi nnifsu (Camilleri, 2014: 387). U ġabuha fejn riedu għax wiċċ il-J.J. beda jidher! Hekk kompliet tissoda t-tradizzjoni antika tad-drammi tal-passjoni fil-Mosta, kif għadu jsir sal-lum.

## Piki bejn l-iscouts u l-Azzjoni

Lil hinn mill-marċi tal-banda u tar-reċti fuq il-palk, il-ħidma tal-iscouts wara l-gwerra kienet kontinwa u mimlija enerġija. Ix-xellug tal-Oratorju, hekk kif tħares lejh minn faċċata, kien ingħata għad-dispożizzjoni tal-iscouts. Charlie Vella jirrakkonta li,

> Aħna tal-iscouts konna nifthu l-Oratorju kuljum. Konna nagħmlu l-kunċerti fis-sala, wirjiet ta' salvataġġ u parati fil-grawnd, laqgħat fil-kappella. L-investitura tar-Rovers fil-kappella konna nagħmluha. Anki d-dramm tal-passjoni konna nagħmlu fis-sala, għamilnieh xi darbtejn, tlieta, wara xulxin fil-ħamsinijiet fuq il-palk tal-Oratorju. Konna nużaw il-faċilitajiet kollha. Sa anki l-għelieqi li kien għad hemm wara l-grawnd konna nużaw biex nixxabbtu u nagħmlu t-taħriġ fiżiku. (Charles Vella 2015).

Dawn l-ispettakli ta' manuvri fl-għoli, mixi fuq il-ħbula, tlugħ u nżul ma' xbieki u għoti tal-ewwel għajnuna kienu tabilħaqq imfittxija mill-pubbliku li kien jikkonkorri bi ħġaru fil-grawnd tal-Oratorju kull meta l-iscouts kienu jagħmlu programm ta' din ix-xorta. Dawn kienu eżerċizzji li minbarra li jitolbu ħila u kuraġġ, kienu jirrikjedu ħafna taħriġ u dixxiplina. Mhux ta' b'xejn li mill-iscouts ħarġu, u għadhom joħorġu, żgħażagħ ppreparati sew għall-ħajja. Meta ltqajt mal-eks *Scout Leader* Joe Sciberras (2015) fil-kwartier tagħhom fi Triq it-Torri wrieli għadd ta' mudelli ta' pontijiet u torrijiet li kienu jinbnew mill-iscouts biex jixxabbtu magħhom u jitilgħu fuqhom. Uħud minnhom kienu jintramaw fil-grawnd tal-Oratorju, oħrajn fil-pjazez inkluż f'Misraħ San Ġorġ quddiem il-Palazz tal-Gvernatur il-Belt Valleta u fil-widien, inkluż il-Wied tal-Isperanza u Wied il-Qlejgħa.

Madankollu għalkemm kienu jiltaqgħu fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, iżda x-xewqa tagħhom kienet li jerġgħu joħorġu minn hemm u jsibu saqaf ieħor fuq rashom li jkun tabilħaqq tagħhom. Missieri, Joseph Vassallo, kien b'ruħu u ġismu fl-iscouts fl-erbgħinijiet u l-ħamsinijiet. Niftakru jgħid li għalkemm kienu jiltaqgħu fl-Oratorju, imma mhux dejjem ħassewhom komdi joperaw fi ħdanu peress li l-għanijiet tagħhom kienu differenti mill-bqija tal-għaqdiet reliġjużi li kienu wkoll fl-Oratorju, ewlenin fosthom il-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika li kienu jiltaqgħu fuq in-naħa tal-lemin tal-binja. Fit-tifkiriet tiegħu, J.J. Camilleri (2014: 374) jgħid li 'tal-Azzjoni Kattolika u tal-iscouts kienu jippikaw ma' xulxin, u min ikun f'għaqda minnhom ma kienx ikun fl-oħra'. Meta kellimt lil Charles J Falzon (2015) dwar ir-relazzjoni bejn is-subien tal-iscouts u dawk tal-Azzjoni qalli li fir-realtà kienet tinħass il-pika bejniethom u din kienet tidher l-aktar meta kienu jikkompetu bejniethom fil-logħob tal-futbol u sports ieħor. Joe Sciberras (2015) qalli kif sena wara sena l-ispazju allokat għalihom fl-Oratorju beda jitnaqqar, tant li fl-aħħar spiċċaw mgeddsin f'żewġ kmamar kollox. Kien impossibbli li jibqgħu hemm.

Dak li ntqal verbalment minn tant nies huwa kkoroborat bil-miktub mid-dokumenti. Fl-ewwel ħarġa tan-*newsletter* bl-isem *Buzzing Bee* maħruġa mill-*Mosta Boy Scouts Group* sibt artiklu dwar din is-sitwazzjoni taħraq fl-Oratorju fil-bidu tal-ħamsinijiet,

> *The Oratory was then in a state of decay* [after the War] *but the Scouts got to work, tackling first the theatrical hall. Concerts started to be held again, imparting knowledge and self-confidence to the performing scouts and educating the public's heart. Sums of money were thereby realized and the Oratory was flourishing once more. The devil was definitely losing and he racked his brains about it. His strategy, as very often, met with success. As a result the Scouts found themselves driven from the Oratory's hall with their use of the playing ground greatly restricted and occupying three rooms at the left flank of the building. Later, they were made to occupy the same space on the other side of the building; after some the largest of the three rooms was taken from them... Cramped as they were, and still are, in two small rooms, the good wok has not stopped. One should believe that Satan's triumph won't be long lived and the retrogression in Oratory affairs would be an eye-opener to those who grant the Scouts those facilities that would enable them to restore fertility to the place.* (*Buzzing Bee* (1), 1952).

F'malajr wieħed jifhem l-anomalija li qiegħed jikteb dwarha l-artikolista; filwaqt li l-iscouts taw il-ħajja lill-Oratorju wara l-gwerra u mlewh bl-attivitajiet, eventwalment sfaw emarġinati u ttrattati taż-żejjed u n-nieqes.

## Joħorġu għat-tieni darba

Dan l-atteġġjament wassal biex mhux dejjem kien ikun hemm armonija u kollaborazzjoni bejn l-iscouts u l-Azzjoni, u għalhekk ix-xewqa tal-iscouts li jsibu xi mkien ieħor għal rashom kienet reġgħet bdiet tinħass dejjem iżjed qawwija ma' kull sena li tgħaddi. Dak kien żmien meta Dun Pawl Calleja kellu f'idejh id-direzzjoni tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù u għalhekk kien direttur spiritwali kemm tal-Azzjoni u kemm tal-iscouts. Ix-xewqa ta' dawn tal-aħħar saret realtà meta fl-1955 l-iscouts ħarġu għat-tieni darba mill-Oratorju u marru f'dar numru 90, Triq il-Kungress Ewkaristiku. It-tberik tal-kwartier il-ġdid tagħhom kien sar minn ħadd ħlief Mons. Edgar Salomone nnifsu (Cassar, 2009: 76). Minn dakinhar 'il quddiem l-iscouts bidlu l-kwartieri tagħhom għal kemm-il darba. Dak kien ifisser bidu ġdid għall-iscouts, hekk kif inqatgħu darba għal dejjem mir-rabta tagħhom mal-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Fi ħdan l-Oratorju, l-iscouts qattgħu b'kollox 21 sena; ħames snin bejn 1916 u 1921, u sittax-il sena bejn 1939 u 1955. Illum il-grupp tal-iscouts tal-Mosta għadu b'saħħtu u stmat ħafna. Il-ġid fejjiedi li jagħmel fost it-tfal u ż-żgħażagħ tal-komunità Mostija ħaqqu l-apprezzament u s-sostenn kemm tal-awtoritajiet u kif ukoll tal-komunità.

# 12.2

# Il-Ġuvintur Azzjoni Kattolika

F'kapitlu 5 konna għedna li l-fergħa tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika kienet twaqqfet fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù fl-1936 u mill-ewwel bdiet isservi ta' bastun li fuqu jistrieħ l-appostolat Oratorjan. Iżda, l-istess bħal ma ġralhom l-iscouts, dawn il-ġuvintur magħqudin bil-fidi wkoll sfrattaw bil-gwerra sakemm l-għaqda bejniethom reġgħet ġiet kostitwita meta l-paċi bdiet tistejqer mill-ġdid. F'din it-taqsima se nitkellmu dwar l-Azzjoni Kattolika bejn is-snin ħamsin sas-sena elfejn. Impossibbli li fuq medda ta' ħamsin sena nsemmu kollox u lil kulħadd, imma se nagħmlu ħilitna biex permezz tar-rakkonti tal-*old boys* u tal-minuti tal-kumitat nagħtu pinzellati mżewqin tal-ħajja sabiħa li offriet l-Azzjoni Kattolika liż-żgħażagħ Mostin. B'mod ġenerali l-ġrajjiet u l-esperjenzi se jkunu ppreżentati b'mod kronoloġiku, imma mhux dejjem. Hemm waqtiet fejn il-preżentazzjoni tagħhom ssir fuq bażi tematika.

## Kumitat u ħidma

Il-kumitat tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika kien jitla' b'elezzjoni minn fost il-membri ta' kull sena, filwaqt li l-President kien ikun maħtur mid-Direttur tal-Oratorju b'konsultazzjoni mal-arċipriet. Jien niftakar kemm kienu jkunu missielta dawn l-elezzjonijiet f'ċerti snin sakemm meta wasalt jien biex nidħol fil-kumitat fil-bidu tad-disgħinijiet, bdejna nitilgħu b'konferma u mhux b'elezzjoni peress li konna nqasna bħala numru. Fl-aħħar tat-terminu tal-kumitat kienet tkun organizzata l-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn, fost oħrajn, kienu jitressqu r-rapporti tas-Segretarju, tal-Kaxxier u tad-Delegati rispettivi mill-oqsma tal-attivitajiet reliġjużi, soċjali u sports. Mhux l-ewwel darba li l-arja f'dawn il-laqgħat annwali kienet tkun taħraq u fil-ħin tal-mistoqsijiet kienu jkunu ppreżentati domandi xejn faċli. Maż-żmien indunajt li dawn l-esperjenzi ma kienu xejn għajr l-aqwa taħriġ għat-tmexxija, taħriġ li sewa fil-ħajja ta' kull min kien ikun involut. Marvic Camilleri kellimni hekk dwar l-esperjenzi li ħa minn dawn il-karigi,

> Dejjem għamiltha ma' min hu akbar minni u dan kien mezz ta' kif nitgħallem. Li naf, tgħallimtu mill-Oratorju. Jekk naf nagħmel ftit *maintenance* – dawl, ilma, tibjid – hawn tgħallimtu għax Dun Anġ ma kienx iħallik ma tagħmel xejn. Jekk naf nirreċta, minn hawn bdejt. Għalkemm mort l-iskola tad-drama, l-MTADA, minn hawn tgħallimt l-ewwel. Ħafna mill-affarijiet li sawruni f'ħajti ġew mill-Oratorju. Jekk għamilt għomri u żmieni fil-kumitati tal-futbol, politika u l-bqija, dan hu grazzi għal dak li tgħallimt fl-Oratorju fil-mod ta' kif torganizza u tmexxi. Hawn kont responsabbli mill-attivitajiet soċjali kemm fil-kumitat tal-Għaqda Studenti Mostin u kemm fl-Azzjoni Kattolika fl-aħħar tat-tmeninijiet u l-bidu tad-disgħinijiet. Konna norganizzaw attivitajiet bla limitu tul is-sena kollha. (Marvic Camilleri, 2015)

Imma biex inpoġġu kollox f'postu, ejja nibdew biċċa biċċa u nerġgħu mmorru lura għall-ewwel snin ta' wara l-gwerra biex naraw kif żviluppat l-Azzjoni Kattolika fl-Oratorju.

## Wirjiet, konferenzi u purċissjonijiet

Fost l-ewwel attivitajiet tal-Azzjoni wara l-gwerra nsibu il-Wirja ta' Qari Nisrani bejn l-4 u l-11 ta' Novembru 1945 li matulha ġew esebiti u nxtraw diversi kotba u rivisti Maltin u barranin. Kienet magħrufa bħala 'Il-Ġimgħa tal-Istampa t-Tajba' (Minuti tal-ĠAK, 1945). Fi tmiem il-ġimgħa ta' attività ttellgħet lejla ta' talent u reċta fis-sala tat-teatrin tal-Oratorju u l-qligħ mar b'risq *Leħen is-Sewwa*, il-gazzetta tal-Azzjoni Kattolika Maltija. Kien f'din is-sena wkoll li ġiet iffurmata l-fergħa tal-Irġiel tal-Azzjoni Kattolika li kienu wkoll jiltaqgħu fl-Oratorju. L-ewwel tesserament tagħhom sar sentejn wara fis-16 ta' Novembru 1947, imma maż-żmien din il-fergħa fittxet sede alternattiv.

Minbarra l-laqgħat regolari ta' formazzjoni ta' kull ġimgħa, bdew jiżdiedu wkoll il-konferenzi li baqgħu jsiru minn żmien għal żmien. Insemmu, fost oħrajn, attività fuq il-missjoni meta nhar is-Sibt 9 t'Ottubru 1949 saret konferenza fuq is-sehem tal-Knisja fl-artijiet tal-missjoni. Għal din il-laqgħa intużaw l-islides u l-għada nfetħet wirja ta' xogħlijiet fl-Oratorju b'risq il-missjoni. Damet miftuħa ġimgħa (Minuti tal-ĠAK, 1949). Minn dawn it-tip ta' attivitajiet kien hemm bil-bosta. Ħafna minnhom kienu jkunu b'tema reliġjuża: seminars, wirjiet, films, irtiri, *prayer meetings*, quddies, reċti fuq il-qaddisin, kompetizzjonijijiet (gari) katekisti u l-bqija. Ma kienx jonqos is-sehem tal-membri tal-Azzjoni fil-purċissjonijiet tal-parroċċa, bħal ma qalli Abel Galea ta' 81 sena,

> Konna nieħdu lit-tfal tad-Duttrina u l-Aspiranti tal-Azzjoni Kattolika biex jieħdu sehem fil-purċissjonijiet ta' Korpus u tal-Qalb ta' Ġesu li joħorġu mill-Knisja Arċipretali. Il-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika konna nimxu wara l-istendart tagħna. Hekk ukoll kienu jagħmlu l-għaqdiet l-oħra ċivili u reliġjużi, kif ukoll il-każini tal-paroċċa. Kollha kellhom l-istendarti tagħhom. Imbagħad, fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu tal-Oratorju, aħna stess konna naħslu l-art tal-kappella u nagħtu tfarfira kullimkien; konna narmaw l-altar u nżejnu bil-

> fjuri. Mill-Knisja parrokkjali konna nissellfu l-abiti sagri u dak kollu li kien ikollna bżonn għal waqt il-funzjonijiet u l-purċissjoni. Ma kinux jonqsu d-dwal tradizzjonali mal-faċċata tal-Oratorju. (Abel Galea, 2015)

Fil-kariga ta' Assistent Ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika wara l-gwerra baqa' Dun Salv Sammut; l-istess wieħed li fl-1936 kien waqqaf il-fergħa tal-ġuvintur fl-Oratorju. Meta mbagħad fl-1956 daħal fix-xena Dun Anġ bħala Direttur tal-Oratorju, Dun Anġ sar ukoll l-Assistent Ekkleżjastiku taċ-ċirkolu Mosti kif baqa' sa meta mbagħad kellu jirtira fl-ewwel snin tas-seklu 21. Minbarra s-sostenn spiritwali, dawn it-tip ta' attivitajiet li għadna kemm semmejna ftit qabel kienu importantissimi għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Mostin ta' wara l-gwerra. Kienu strumentali biex iż-żgħażagħ jerġgħu jasserixxu rwieħhom, jitħarrġu fl-oqsma tat-tmexxija fil-parroċċa u jkunu parteċipi fis-soċjetà ċivili. Permezz tagħhom setgħet tikber it-tama ta' ħajja aħjar wara t-tifrik, l-għaks u l-mewt li ħallew warajhom il-forzi tal-għadu. Malta u magħha l-Mosta ta' wara l-gwerra kienet se tkun post differenti minn qabel, differenti ħafna minn dak li kienu jafu n-nies. L-Oratorju u l-għaqdiet tiegħu serva tajjeb biex din it-tranżizzjoni ssir bla skossi biex, filwaqt li jkun ippreservat it-tajjeb ta' qabel, ikunu introdotti ħafna u ħafna ideat u mezzi ġodda.

## Xita ta' sports u mużika

Kif rajna fit-taqsima ta' qabel, is-sitwazzjoni tal-Oratorju maqsum min-nofs bejn żewġ għaqdiet kbar u indipendenti minn xulxin mhux dejjem kienet fl-aħjar interess ta' kulħadd. 'Wara li l-*boy scouts* iddeċidew li jitilqu mill-Oratorju fl-1955, sar ħafna żvilupp biex inżommu ż-żgħażagħ fl-Oratorju' (Charles J. Falzon, 2015). Ftit wara, fl-1956, Dun Anġ ħa t-tmun tal-Oratorju bħala direttur ġdid mimli saħħa, entużjażmu u determinazzjoni. Hawnhekk mhux se nidħol fl-innovazzjonijiet strutturali li saru matul is-snin peress li dawn ittrattajthom f'kapitlu 9, però se nillimita ruħi biss għall-inizjattivi li ttieħdu mill-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika f'din l-era ta' qawmien ġdid. U hawn ma tistax ma ssemmix lill-*Youth Centre Area* li beda jinħoloq fl-aħħar tal-ħamsijiet u kompla jisbieħ fis-snin ta' wara bis-saħħa tal-membri tal-Azzjoni.

> L-*indoor sports* li kellu l-Oratorju kien l-għira ta' kulħadd. *Billiards*, *table-tennis*, *chess*, *draughts*, *darts* u *table-soccer*, jew kif konna nsejħulha dak iż-żmien 'il-kaxxa'. Minn dejjem kellna l-bar fin-naħa tal-*Youth Centre* u kien ikun attrezzat mhux ħażin, għalkemm ma kienx ikun hemm xorb alkoħoliku [għajr il-birra]. Konna nkunu għexieren ta' ġuvintur imdawrin madwar l-imwejjed tal-logħob u oħrajn jitkellmu. Naturalment kellna l-futbol fil-grawnd. Kien jkollna kompetizzjonijiet kemm fix-xitwa u kemm fis-sajf, u saħansitra kienu jiġu n-nies fuq il-ġnub jarawna nilagħbu. Dawn it-*tournaments* kienu jkunu mfittxija daqs, jekk mhux aktar mill-*World Cup*! Dak iż-żmien il-każini tal-baned u tal-politika ma tantx kienu appellabbli għaż-żgħażagħ u għalhekk il-ġuvintur kienu jinġibdu lejn l-Oratorju. Ma kien hawn imkien aktar fejn tmur, sakemm ma kontx soċu tal-Mużew jew inkella tmur il-*Billiard Hall* ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku. (Joe Fenech, 2015)

Il-*Youth Centre Area* ġie inkurunat minn Dun Anġ meta daħħal is-sett tat-televixin, naturalment bl-iswed u l-abjad. L-Oratorju kien minn tal-ewwel li introduċa t-televixin, żgur li ħafna qabel ma beda dieħel fid-djar tal-popolin.

> It-televixin fil-Mosta daħal għall-ħabta tal-1958/59. Issa Dun Anġ żgur li xtrah fl-1963 għax għadni niftakar li konna rajna fuqu il-funeral tal-President Kennedy [John F Kennedy kien assassinat fit-22 ta' Novembru 1963]. Qalulna li kienu sparaw għall-President u xegħelnih ħalli naraw. It-televixin poġġewh fil-Bar. (Alessio Scicluna, 2015)

Wieħed minn dawk li kienu marru l-Oratorju biex jaraw il-funeral tal-President Amerikan John F. Kennedy kien Dr Manwel D Schembri li għadu jiftakar sewwa l-praspura li sab ruħu fiha dakinhar,

> Meta qatlu lil Kennedy u saret l-ewwel darba t-trażmissjoni tal-funeral bil-*mondovision*, Dun Anġ fetaħ l-Oratorju filgħodu biex immorru naraw il-funeral ta' Kennedy. Ta' tifel żgħir li kont, wasalt tard. Issa t-televixin kien f'waħda mill-kmamar li hemm mal-ġenb tal-kuritur li jagħti għall-grawnd. Kien ikun fil-għoli, m'ogħla d-dinja, u jmissu Dun Anġ biss. Ma jixegħlu ħadd u ma jaqliblu ħadd. Kont trid titla' fuq is-siġġu biex tilħqu! Allura kien jagħlaq fid-dlam u kulħadd jintasab fuq is-siġġijiet antiki tal-injam li qabel kienu fil-kappella u fit-teatrin. U jien wasalt tard, ħabbat u bdejt nikkonfondi għax kien hemm skiet perfett, bieb magħluq u kullimkien dlam ġewwa. Erġajt ħabbat u ħareġ għalija mbaqbaq Dun Anġ u qalli, 'Schembri, fejnha l-edukazzjoni... fil-qalziet ta' taħt?!' Jien ma flaħtx nidħol bil-biża' li qabadni. Kemm stħajt dakinhar! U għamilt il-funeral ta' Kennedy ibbalzmat quddiem it-televixin tal-Oratorju. (Manwel D Schembri)

Kulħadd jaf li fejn ikun hemm iż-żgħażagħ, ikun hemm il-ħajja. Ifaqqsu l-ideat u bl-entużjażmu tagħhom jirsistu biex jattwawhom. Xi erbgħa minn dawn il-membri tal-Azzjoni kienu dilettanti tal-mużika u f'malajr ftehmu biex jifformaw grupp mużikali bejniethom. Bil-ħsieb li nkun naf aktar dwar din l-avventura, tkellimt ma' wieħed mill-imħuħ tal-grupp, Alessio Scicluna.

> Dak iż-żmien kien hawn moda l-*iskiffle group* li kien jippromwovi tip ta' strumenti mhux konvenzjonali. Per eżempju, il-kuntrabaxx li kien idoqqu Joe Quattromani kien magħmul minn kaxxa tat-te, lasta ta' xkupa u spaga. Għall-perkussjoni konna nużaw il-ħakkieka u l-bottijiet. Id-*Drums* u l-kitarra biss kienu l-istrumenti ta' veru. Kellna lil Charlie J Falzon fuq il-pjanu, ħija [Emidio] fuq id-*drums* u jien inkanta. U anki Joe Gatt tal-kumpanija [tad-drama] ġieli kanta magħna. Konna ndoqqu wara xi dramm fis-sala. Imbagħad Dun Anġ xtralna batterija tad-*drums*. Meta Dun Anġ kien jagħmel il-fieri, konna nitilgħu fuq podju ndoqqu għal xi nofs siegħa. U armajna fis-sod u konna nagħmlu l-provi l-Oratorju u mmorru ndoqqu kull fejn jibagħtuna. Fil-bidu konna sejjaħna l-grupp tagħna *Rocking Robin* u eventwalment bdejna nissejħu *The Twisters*. Anki fit-tiġijiet konna mmorru, iżda sa dak iż-żmien konna bdejna ndoqqu strumenti ta' veru. Il-membri kienu jinbidlu mas-snin. Is-*songs* ta' Elvis Presley, Paul Anca u Domenico Mudogno kienu l-aktar mitluba. Domna

ndoqqu sal-1965 meta mbagħad ħija daħal il-Kulleġġ tal-Għalliema u sfaxxajna. (Alessio Scicluna, 2015)

Lil hinn mill-kant u l-mużika, jidher li kienu popolari l-kwizzis mal-membri tal-Azzjoni Kattolika. B'ħafna nostalġija kellimni fuqhom Charles Falzon,

Biex dejjem inżommu ż-żgħażagħ fl-Oratorju – dejjem dan kien l-iskop – konna introduċejna *Quiz o Nights*. Il-membri kienu jinqasmu f'timijiet ta' tlieta biex jikkompetu ma' xulxin. Jien u Leslie Agius 'iż-żgħir' konna nippreparaw id-domandi u Leslie Agius 'il-kbir' kien ikun *compere*. Kienu domandi ta' *general knowledge*. U bejn grupp ta' mistoqsijiet u ieħor, min kellu xi talent, per eżempju jaf ikanta, seta' jipprattika t-talent. Min jirbaħ kien jieħu premju żgħir. Fis-sittinijiet għamilna ħafna minn dawn is-serati li għalihom kienu jikkonkorru ħafna żgħażagħ. (Charles J Falzon, 2015)

## Il-faxxinu tal-futbol

Imma minkejja kollox, il-futbol jibqa' forsi l-akbar sunnara għall-maġġoranza tal-ġuvintur Mostin biex jibdew jattendu fl-Oratorju u b'riħet hekk jissieħbu fl-Azzjoni Kattolika. Il-futbol kien u għadu sagru! Ma' kull min iltqajt, kulħadd semmieli bl-akbar entużjażmu l-kompetizzjonijiet tal-futbol li kienu jsiru kemm fil-grawnd tal-Oratorju u wkoll fil-grawnd il-kbir tal-Mosta li f'dak iż-żmien kien magħruf bħala l-*Creasy Ground* f'ġieħ il-Gvernatur Gerald Hallen Creasy (1897-1983) li inawgurawh fl-1953.

Kien isir U/16 tournament għall-Mostin fil-*Creasy Ground*. Konna nkunu diversi timijiet fformati mill-għaqdiet, fosthom il-*Mosta Hearts* tal-Azzjoni, tal-Iscouts, tal-Billiard u tal-klabb tal-futbol. Fl-aqwa tiegħu l-Oratorju kellu l-*A team* u l-*B team*. Kien dejjem kombattiv u b'udjenza kbira l-Ħadd filgħodu biex tarana nilagħbu. Jien kont nilgħab. Konna nilagħbu wkoll fit-*tournaments* tal-Azzjoni Kattolika Maltija u nikkompetu kontra San Girgor ta' Tas-Sliema, ta' Birkirkara, ta' Raħal Ġdid u ta' ħafna oħrajn. (Charles J. Falzon, 2015)

Dwar il-kompetizzjonijiet tal-futbol kellimni wkoll Salvinu Muscat ta' 72 sena li għal diversi snin kien *captain* tal-iskwadra tal-Oratorju,

Min kien jattendi l-Azzjoni Kattolika kellu ħafna opportunitajiet biex jilgħab il-futbol. Jien kont moħħi fil-futbol biss. Konna ħafna *strict* li kull min jilgħab mat-tim tagħna, kien ikun irid jattendi l-laqgħat tal-Azzjoni. Fil-ħamsinijiet kien ikollna *tournaments* kemm interni bejnietna u kemm mal-bqija tat-timijiet tal-Azzjoni minn madwar Malta kollha. Il-logħob tad-diversi ċirkoli tal-Azzjoni Kattolika kien jintlagħab fiċ-Ċentru ta' San Ġużepp f'Santa Venera. Kien ikun hemm pika nobis! It-tim tal-Azzjoni tal-Mosta konna semmejnieh *Mosta Hearts*. Taf għaliex? L-ewwel nett għax għandu x'jaqsam mal-Qalb ta' Ġesù u t-tieni għax kelli nilħaq kompromess ma' ħija Tony. Jien u ħija tampar xulxin, sena biss hemm

> bejnietna, u konna nimpikaw f'kollox id-dar. Allura hu jagħżel tim u jien nagħżel ieħor kontrieh. Jekk jien kont mal-Furjana, hu mas-Sliema. Jien kont mat-Tottenham u hu kien mal-Bolton. Jien kont mal-Juventus u hu mal-Milan. U anki sa Scotland wasalna! Jien kont inżomm mas-Celtic u hu kien iżomm mal-Hearts of Midlothian. U hekk ġie l-isem tat-tim tal-Azzjoni tal-Mosta. Ħija qalli, 'Ejja nsemmuh *Hearts* għall-Oratorju u għall-Iskoċċiżi', u bqajna nużaw dan l-isem! (Salvinu Muscat, 2015).

Il-ġenerazzjonijiet ta' wara s-sittinijiet ukoll baqgħu msaħħrin wara l-ballun. Iltqajt ma' Joe Tanti ta' 52 sena, illum *Chief Executive Officer* tal-*Malta Business Bureau*, li fiż-żmien kien responsabbli mill-isports fl-Oratorju.

> Fl-aħħar tas-sebgħinijiet kont kaxxier u kont nieħu ħsieb l-isports. Konna nagħmlu lotteriji. Inbiegħu l-biljetti biex nixtru blalen u gerijiet għall-futbol. Din kienet is-*self-sufficiency* tal-Oratorju biex jibqa' jagħti l-aħjar servizz liż-żgħażagħ. *We were self fulfilled* hemm – ħadd qatt ma mar l-Oratorju għax bilfors. Id-dinamika tal-ħajja kienet differenti. Ma tantx kien hemm kumplikazzjonijiet tal-ħajja – wara x-xogħol, kien ikollok il-ħin kollu biex tmur l-Oratorju. La internet, la *part-time work*, la korsijiet ta' filgħaxija. Il-futbol kien jgħaqqadna ħafna, imma l-problemi kienu jinqalgħu meta kienu jiġu l-barranin jilagħbu. It-tim tagħna kien kompost minn Joe Buhagiar (illum saċerdot) bħala *goalkeeper*. Manwel Cassar u Freddie Cassia difensuri, ħija Salvu, imbagħad Anġlu Buhagiar, jien u ġieli kellna magħna lil Frans Deguara, Charlie Sant u aktar tard George Muscat. Konna ħbieb ta' xi 17/18 –il sena u noħorġu flimkien. Imma jekk il-Ħadd filgħodu kien ikollna logħba, is-Sibt konna nkunu ġewwa mal-10 ta' billejl ħalli l-għada nqumu friski u ffukati għall-futbol. Iż-żgħażagħ kien għad kellhom sens ta' dixxiplina fuqhom infushom. (Joe Tanti, 2015)

Hawn ta' min jirrimarka li kien hemm snin twal meta l-grawnd tal-futbol fl-Oratorju kien jintuża mill-iskwadra tal-Mosta FC għall-finijiet ta' taħriġ,

> Niftakar lil Tony Cauchi, kowċ tat-tim tal-Mosta, iġib lill-plejers u jitrenjaw hemm fis-sebgħinijiet, speċjalment meta l-grawnd tal-logħba (il-*Creasy ground*) ma kienx ikun fi stat tajjeb, partikolarment wara l-maltemp jew waqt xi proġett strutturali li kien isir fih. (Joe Fenech, 2015)

Mhix l-intenzjoni tiegħi li noqgħod inġib kemm-il suċċess għamel it-tim tal-Azzjoni Kattolika tal-Oratorju fid-diversi kompetizzjonijiet li ħa sehem fihom tul medda ta' nofs seklu u aktar. Ridt biss nippreżenta pinzellati minn żminijiet differenti biex ikun enfasizzat il-punt ta' kemm il-logħba tal-ballun hija importanti fl-appostolat maż-żgħażagħ. Bis-saħħa tal-futbol, iż-żagħżugħ iħaddem il-ġogi, ikabbar il-kunfidenza fih innifsu, jitgħallem jirbaħ u jitlef, iliġġem lilu nnifsu minn emozzjonijiet goffi u, fuq kollox, jersaq lejn ambjent (l-Oratorju) li hu tajjeb għall-ġisem u għar-ruħ.

## L-*Open Days*

Ma nistgħux ngħidu li l-futbol biss kien imfittex minn bosta. Id-dixxiplini sportivi l-oħra kienu popolari wkoll, kemm dawk ta' barra u kif ukoll dawk ta' ġewwa. Kienu ħafna li kellmuni dwar il-famużi *open days* li kienu jsiru matul is-sena bejn id-diversi ċirkoli tal-Azzjoni Kattolika f'Malta. Kien hemm drabi meta l-membri tas-Siġġiewi, ta' Ħal Tarxien, ta' Ħaż-Żebbuġ, taż-Żurrieq u oħrajn kienu jiġu jqattgħu ġurnata jilagħbu fl-Oratorju tal-Mosta u drabi oħrajn meta ż-żgħażagħ Mostin kienu jkunu mistiedna fiċ-ċirkoli tagħhom. Kienu jiġu u jmorru bil-kowċ ħalli kulħadd jasal u jitlaq fl-istess ħin. Kien ikun imballat bin-nies l-Oratorju fi ġranet speċjali bħal dawn, ħafna drabi l-Ħadd filgħodu. Kien jintlagħab il-logħob kollu: futbol u *volleyball* fuq barra, u *table-tennis*, *billiards*, *table-soccer*, *chess* u *draughts* fuq ġewwa. Il-logħob kien ikun tabilħaqq akkanit u mhux l-ewwel darba li nqalgħet xi polemika. Wara li jgħaddi kollox il-kaxxier kien ikun l-aktar Oratorjan kuntent għax il-bejgħ mill-bar kien ikun mar tajjeb ħafna. Għal *open days* bħal dawn, it-turtieri tal-pizza, il-pastizzi u l-kafè mill-istanjati l-kbar tal-elettriku kienu jinbiegħu kollha! Kaxxiera bħal Raymond Grech u Mario Attard jafu sewwa x'qiegħed nipprova ngħid hawn!

## Il-wiri tal-films

Il-films fis-sala wkoll kienu mfittxija minn ħafna adoloxxenti u familji Mostin matul il-*weekends* tal-Ħarifa, ix-Xitwa u r-Rebbiegħa. Għalkemm il-films kienu jinġabu fl-Oratorju wara li jkunu għamlu ġimgħat jintwerew fis-swali tal-Belt u f'Tas-Sliema, imma n-nies xorta kienet tattendi bi ħġarha. Għal ħafna ġuvnotti u tfajliet, film fl-Oratorju ma' sħabhom kien ikun l-ewwel esperjenza barra mid-dar mhux mgħassin minn ommhom u missierhom. Dun Anġ kien jintasab fl-aħħar filliera fuq ix-xellug u armat bit-torċ kien jikkontrolla l-folla. Jien ġieli mort nara xi film hemm u għadni nisma' f'widnejja t-tisfir u t-tisbit tas-siġġijiet kull meta tiddallam ix-xena f'xi bewsa! Milli jidher din il-prattika li ma kinitx spissa daqskemm għandhom l-impressjoni n-nies, kien ilha titħaddem sa minn meta l-kabina l-antika (il-*control room* fejn ikun hemm il-*projectors*) kienet għadha isfel, kif jiftakar tajjeb Jimmy Mifsud ta' 72 sena.

> Kif se jiġu tnejn ibusu lil xulxin, Dun Anġ kien ikun pront u jtella' jdejh biex jgħatti l-istampa. U hemm kien jibda l-ibbuljar u t-tisfir. Meta naraw xi ħaġa mhux tas-soltu, bħal spalla mikxufa ta' xi tfajla, konna ngħidu, 'Din qabżitlu lil Dun Anġ!' Il-vjolenza ma kinitx iċċensurata, imma bewsa kienet ikkunsidrata xi ħaġa ħażina. Illum mod ieħor. (Jimmy Mifsud, 2015)

Jimmy Chetcuti (il-Jumbo), Fredu l-Qonda min-Naxxar, Tony Galea, Peter Borg u oħrajn għamlu diversi snin idawru l-films. Il-wiri tal-films kien jitlob ukoll impenn regolari mill-membri tal-Azzjoni Kattolika li kienu jkunu fl-Oratorju biex ikunu responsabbli mil-loġistika.

> Meta Dun Anġ kien jagħmel il-film nhar ta' Sibt filgħaxija, konna grupp ta' żgħażagħ li konna diġà mmorru Paceville. Però l-ewwel konna mmorru l-Oratorju biex ngħinuh fil-bejgħ tal-biljetti, noqogħdu għassa mal-bieb tas-sala, narmaw il-bar biex inbiegħu l-luminati u l-boroż u, fl-aħħar, innaddfu u nagħlqu. Imbagħad wara li nkunu lesti, konna noħorġu. Konna nkunu jien, Raymond Grech, George Muscat, Charlie Sant, Joe Buhagiar u l-bella kumpanija. Kien għad hawn l-awto-dixxiplina u s-sens ta' appartenanza lejn dan il-post, għax konna nqisuh bħala parti mid-dar tagħna. Kien għad hawn ħafna lealtà fis-soċjetà. Ħafna mill-problemi li hawn illum fost iż-żgħażagħ huwa minħabba li dawn il-valuri naqsu. (Marvic Camilleri, 2015)

Qabel dawn in-nies kien hemm oħrajn li għamlu dan ix-xogħol, kif kien hemm ukoll fi żmieni, fosthom Christopher Cuschieri, Raymond Sammut, Godwin Caruana, l-aħwa Keith u Ryan Cassar, William Muscat u oħrajn. Kollha taw servizz tajjeb lill-Oratorju.

## Il-*Heart Review*

Apparti l-films, popolari ferm kienet ir-rivista bl-isem *Heart Review* li kienu joħorġu l-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika għal ftit anqas minn għoxrin sena tul is-sittinijiet u s-sebgħinijiet. Dehret għall-ewwel darba f'Jannar 1962. Kienet rivista mfittxija minn ħafna u fiha kienu jikkontribwixxu diversi membri. L-artikli kienu jkunu kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż u jikkonċernaw diversi aspetti. Minbarra l-kontribuzzjonijiet ta' natura reliġjuża, kien ikun hemm oħrajn li jiktbu fuq temi varji, fosthom Tony Muscat li kien jikteb fuq il-films u Joe Fenech fuq il-letteratura. Fl-arkivju tal-Oratorju hemm selezzjoni mdaqqsa ta' xi ħarġiet tal-*Heart Review* u li minnhom tkun tista' tieħu idea tajba ta' kif kienet il-mentalità taż-żgħażagħ Maltin daqs ħamsin sena ilu. Fost dawk li okkupaw il-kariga ta' editur ta' din ir-rivista nsibu lil Mario Azzopardi li ħafna minna llum jafuh bħala kritiku tal-films.

## Il-preżenza tat-tfajliet

Minn żmien għal żmien kienet titla' fil-wiċċ il-polemika tal-preżenza tat-tfajliet fl-Oratorju. Kif rajna fil-kapitli preċidenti, din kienet kwistjoni dejjiema u baqgħet titla' fil-wiċċ sa nofs is-snin tmenin meta mbagħad l-impediment tat-tfajliet milli jidħlu fin-naħa tal-ġuvintur ma baqax aktar fis-seħħ. Kellimni dwar din il-kwistjoni Mario Riolo ta' 64 sena u li fl-aħħar tas-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet kien involut fil-kumitat tal-Azzjoni,

> F'dik il-ħabta kien hemm President: Edwin Bonavia, Viċi President: Benny Delicata, Segretarju: Manwel Schembri, Teżorier: jien, u mbagħad kellna magħna lil Joe Chetcuti u Dione Borg. Ta' żgħażagħ li konna ġieli kien ikollna xi kunflitti ma' Dun Anġ. Peress li f'dak iż-żmien ma kien hawn assolutament xejn għaż-żgħażagħ fil-parroċċa, konna

> ddeċidejna bħala Kumitat biex kull l-aħħar ġimgħa tax-xahar norganizzaw attività għal ġuvintur u tfajliet imħalltin. Konna nistiednu lil xi qassis minn barra r-raħal biex jindirizza laqgħa fis-sala u wara konna nagħmlu xi ftit divertiment, per eżempju fl-ewwel attività tagħna ġibna l-*magician* Von Fred minn San Pawl il-Baħar. Darb'oħra konna ġibna *beat group*. Imma Dun Anġ kien kontrina għax ma riedx it-taħlit mal-'*girls*'. Webbisna rasna u ppruvajna norganizzaw xorta waħda. U hu webbes rasu daqsna. Meta waslet il-ġurnata, waranofsinhar, morna l-Oratorju biex nippreparaw u sibna kollox maqful. Niftakar kont mort għand l-arċipriet Bartilmew Bezzina, spjegajtlu l-affari u tani mikrofonu mill-knisja u ħallejna lil xulxin billi qalli, 'Issa nkellmu jien lil Dun Anġ'. U meta Dun Anġ ġie u sab kollox armat fuq il-palk, irrabja ħafna. Meta ġie biex ikellimni, għedtlu mill-ewwel li kellu jkellmu l-arċipriet. U ħlisnieha hekk, insomma. Anzi ħalliena nkomplu. U għamilna xi erba' laqgħat oħra bħal dawn. Kien hawn biża' kbir mit-taħlit tas-sessi. (Mario Riolo, 2015)

## Il-palk u d-drama

Il-membri tal-Azzjoni kienu wkoll attivi fuq il-palk. Kont issibhom minn ta' quddiem biex jipparteċipaw fid-drammi tal-Akkademija ta' kull sena (ara kapitlu 12.4). Kienu wkoll itellgħu d-drammi tal-passjoni u għall-ħabta ta' Ottubru kienu jħobbu jtellgħu xi kummiedja jew farsa. Fl-1986 il-membri tal-Azzjoni Kattolika fakkru l-anniversarju tal-ħamsin sena (1936-1986) minn kemm kien ilhom li ġew imwaqqfa fil-Mosta fi ħdan l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Għal dan il-għan kienu saru festi ċelebrattivi meta fost oħrajn ittella' d-dramm *Int Fejn Sejjer?* ta' Patri Ġwann Abela OFM li jirrakkonta l-istorja mqanqla ta' San Franġisk t'Assisi. Minn żagħżugħ xalatur b'aspirazzjonijiet vanitużi ta' kavallier, isir l-ifqar fost il-faqar u jifforma grupp ta' żgħażagħ biex 'jibnu' mill-ġdid il-Knisja ta' Kristu fuq il-prinċipji tal-faqar, l-ispiritwalità u l-paċi. Kienet produzzjoni kbira li talbet ħafna impenn. Il-parti prinċipali ta' Franġisku nħadmet minn Joe Galea filwaqt li Doris Fenech interpretat il-parti ta' Chiara. Joe Borg, attur veteran ta' 64 sena, kien wieħed mill-kast u rrakkontali l-unika praspura li ġrat dakinhar fuq il-palk,

> Waħda mill-ewwel esperjenzi tiegħi fl-Oratorju kienet fl-1986 permezz ta' produzzjoni mmexxija minn Joe Quattromani, *Int Fejn Sejjer?*.Jien kelli parti qasira, imma intensa, ta' tallab. Kont noqgħod nittallab f'tarf il-belt u, imbagħad, dan il-karattru jkun l-ewwel wieħed li jissieħeb mal-qaddis fix-xirka l-ġdida tiegħu. Niftakar li d-direttur riedni nagħmel il-lament finali fuq San Franġisk mejjet. Kien ħareġ sabiħ immens u bkejt mill-qalb. Imma f'rappreżentazzjoni minnhom, Joe Galea, li kien qed jaħdimha ta' San Franġisk, x'ħin sema' iċ-ċenċila – tin tin tin - tal-qanpiena ċkejkna li kien hemm fuq is-sett, qalilna minn taħt l-ilsien '*It-Tintin qed imut!*', u kulħadd ra kif għamel biex tkebbeb aktar fil-kostum tal-ixkora ħalli ma jinqabadx jidħak. It-Tin Tin kien laqmu! (Joe Borg, 2015)

Id-dramm *Int Fejn Sejjer?* ġab fi tmiem il-presidenza ta' Anġlu Buhagiar li għadu msemmi sal-lum għall-kontribut kbir u twil li ta b'risq l-Azzjoni Kattolika u l-Oratorju. Warajh laħaq l-ispiżjar Joe Gatt. Mal-isfera tad-drama ma jmissux biss l-atturi u

d-diretturi, imma wkoll dawk responsabbli mill-bini tas-settijiet, id-disinn tal-posters u l-fuljetti, il-ġbir tar-reklami u l-bqija. Għal ħafna snin, ħija Louis kellu f'idejh dan il-qasam,

> Flimkien ma' ħafna oħrajn bdejt ninvolvi ruħi fil-bini tas-settijiet minn nofs it-tmeninijiet 'il quddiem. Tilari, kaxxi tal-kartun, karti tal-gazzetti u żebgħa! Ridt tara x'se toħloq ġdid, imma dejjem bl-inqas spejjeż possibbli. Darba minnhom ħallatna l-ħamrija mal-abjad biex ħloqna l-kannella! Mas-settijiet kont niddisinja wkoll il-posters tad-drammi li qabel kien jagħmilhom Emmanuel Camilleri, illum saċerdot. Kien hu li spjegali il-mod ta' kif tibni *artwork*. Dak iż-żmien ma kienx hawn kompjuters u kollox kien isir bl-idejn. Bqajt involut sal-aħħar tad-disgħinijiet. Bnejt u ddisinjat għexerien ta' settijiet, posters u fuljetti. (Louis Vassallo, 2015)

Qabel ngħaddu biex nitkellmu fuq l-aktar snin riċenti tal-ĠAK fil-Mosta, tajjeb li nħallu f'idejn Frans (Ġlormu) Deguara li mqanqal minn memorji sbieħ isemmi ħafna minn sħabu fl-Azzjoni Kattolika li kienu attivi fl-Oratorju fis-sebgħinijiet u l-bidu tat-tmeninijiet.

> Iż-żgħożija propja 'għexnieha' fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Kemm konna nattendu bi ħġarna l-laqgħat li kien jagħmlilna d-direttur Dun Anġ 'iż-żgħir' ta' kull nhar ta' Tlieta bħala membri fl-Azzjoni Kattolika... Hawn konna niltaqgħu abitwalment ma' Charlie Camilleri ('Ta' Marjanna' li llum jinsab il-Kanada), l-aħwa Vanni u Peter Sciriha, Charlie Abela (li mbagħad sar President tal-Mosta FC), Lino (illum l-ispeaker Anġlu Farrugia), l-aħwa Tony u Joe Galea, Twannie 'il-Bomber' u ħuh Joe Farrugia, Salvu Sant u l-bqija. Niftakru l-parteċipazzjoni fl-isports day għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù fil-grawnd tal-Oratorju (jekk ma titkaxkarx xi waħda wkoll taħt xi bank!). Niftakru l-ħruġ filgħaxijiet, l-aktar 'sas-Sirens' f'San Pawl il-Baħar... Xi parti żgħira f'xi dramm ma kinitx tonqos, lanqas. U magħhom xi għajta mingħand Joe Quattromani (fil-grupp *Jien u l-Oħrajn*) fi drammi bħal Ġuda, *Marija* u oħrajn. Kienu jieħdu sehem atturi magħrufa bħal Peter Borg, Joe Borg, Joe Bartolo, Raymond Sammut u oħrajn bħal Anna Galea u Doris Camilleri, Charles Stroud, Valerio Schembri, Mark Schembri, Jimmy Chetcuti, Charlie Sant, l-aħwa George u Agnes Muscat, Anna Pizzuto, Doris Tabone, Mario Fenech, Marthese Said, eċċ. bis-sehem ta' Edwin Vassallo u Ruben Caruana, b'Louis Vassallo jaħdem minn wara l-kwinti bħal dejjem... Jew min jista' jinsa dawk il-partiti futbol mimlija akkanitiżmu – u battibekki! – li konna norganizzaw meta konna niffurmaw parti mit-timijiet tar-*Red Stars* u l-*Bluettes*, kif ukoll fil-kampjonati l-aktar tas-sajf fil-grawnd tal-Oratorju. U fuq dak ir-ramel ma jingħaddux kemm-il tkaxkira ħadna! (Frans Deguara, 2008: xvi/xvii).

## Attivitajiet internazzjonali

Meta wara Alfred Cassia, fil-bidu tad-disgħinijiet, laħaq President tal-Azzjoni Edwin Vassallo bdiet tingħata aktar attenzjoni biex il-fergħa tal-Mosta tħossha iżjed parti integrali mill-moviment nazzjonali tal-Azzjoni Kattolika Maltija. Fuq din il-linja komplew mexjin l-aħħar tliet presidenti, Christopher Cuchieri, Brian Cassar u Rodney Cassar. Mill-1992 l-isem inbidel minn Ġuvintur Azzjoni Kattolika għal Żgħażagħ Azzjoni Kattolika, għalkemm it-tfajliet xorta ma kinux jistgħu jattendu għal-laqgħat tat-Tlieta. Kien f'dan il-perjodu li l-Oratorjani Mostin żiedu d-doża ta' attivitajiet internazzjonali magħrufin bħala *Eurocontact*. Hekk issa l-*open days* ma baqgħux biss lokali, imma saru jilqgħu fihom żgħażagħ barranin. Uħud minn tal-Azzjoni tal-Mosta, fosthom Brandon Pisani, Hector Gatt, Martin Chetcuti, Odrick Vella, Rodney Cassar u oħrajn siefru f'għadd ta' bliet Ewropej biex jieħdu sehem f'*summer camps* u *leaders' camps*. Għadni niftakar tajjeb ħafna meta sitta Mostin: l-ispiżjar Joe Gatt, il-perit George Tonna, l-aħwa Hector u Brendan Gatt (illum dan tal-aħħar sar saċerdot), ħija Louis u jien tlajna nirrappreżentaw liż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika ta' Malta f'wieħed mill-kungressi internazzjonali tal-Azzjoni Kattolika Taljana fl-1996. L-attività prinċipali saret fil-kurva Nord tal-Istadju Olimpiku ta' Ruma. Kienu stmawna daqs kull delegazzjoni barranija oħra u tawna siġġijiet bil-pannu fejn inpoġġu fuq quddiem, kważi biswit il-palk. Kemm konna ħassejna rwieħna kburin meta annunzjaw il-preżenza tagħna fl-Istadju Olimpiku, '*Saluti e benvenuti ai nostri amici che vengano da Malta*' u l-kurva nord sparat bl-applaws, l-għajat u l-ħornijiet. Ma naħsibx li aħna s-sitta għad xi darba naqilgħu ċapċipa li ttarrax daqs dik id-darba!

## Maratoni, radju u *webpage*

F'dik l-istess sena tal-avveniment memorabbli f'Ruma, il-kumitat tal-Azzjoni beda jorganizza l-Maratona ta' Sports b'risq għan filantropiku f'Diċembru u hekk baqa' jsir għas-seba' snin ta' wara. Bdiet bħala 48 siegħa ta' *indoor sports* u sena wara twalet għal 72 siegħa ta' sports bla waqfien lejl u nhar. Mijiet ta' tfal, adoloxxenti, żgħażagħ u adulti kienu jiġu jilagħbu l-*billiard*, it-*table-tennis*, iċ-ċess, id-*draughts* u f'xi ħinijiet anki l-futbol, u biex żgur ħadd ma jiddejjaq konna nġibu lil min jagħmel il-varjetà. L-1997 kienet waħda speċjali għax għal din l-attività, u għal matul il-bqija tax-xahar Diċembrin, konna ftaħna stazzjon tar-radju tal-komunità. Semmejnieh *Radju ŻAK* u l-istudjo prinċipali kien fil-librerija tal-Għaqda Studenti Mostin. Permezz ta' din l-attività li mliet l-Oratorju bil-ħajja nġabru eluf ta' liri b'risq id-Dar tal-Providenza u l-*Malta Community Chest Fund*. Kien ħadem ħafna għal maratona ta' dik is-sena Brandon Pisani li llum huwa ġurnalist mal-istazzjon televiżiv nazzjonali.

Ta' kull sena is-somma kienet tilħaq medja ta' Lm1,500 [€3,488]; mela fuq seba' snin ingħata total approssimattiv ta' Lm10,500 (€24,420). Kemm konna nifirħu meta kienu jiġu l-kameras tat-televixin u flgħaxija naraw lill-Oratorju fuq l-aħbarijiet tat-tliet stazzjonijiet il-kbar f'pajjiżna: TVM, ONE u NET. Wara l-ħames sena konsekuttiva ta'

din l-attività, il-Monsinjur Lawrence Gatt, Direttur tad-Dar tal-Providenza, kiteb hekk lil Rodney Cassar, President taż-ŻAK,

> Bejn l-Oratorju, u speċjalment iż-ŻAK tal-Mosta, u d-Dar tal-Providenza inħolqot rabta sabiħa li din is-sena kompliet tissoda bil-Martona ta' Sports li organizzajtu f'nofs Diċembru li għadda. F'isem din id-Dar, għalhekk, nirringrazzja lilek, lill-Kumitat u lil kull min ħa parti għall-eżempju sabiħ li tajtu u għall-offerta ġeneruża ta' Lm1,214 li ppreżentajtu. Il-Mulej ibierek il-ħidma tagħkom matul is-sena kollha. (*Il-Mosta* 174, 2001: 7).

Attività oħra maġġuri li bdiet issir fis-snin disgħin kienet ġimgħa sħiħa ta' attivitajiet f'Novembru u li kienet magħrufa bħala *FestaŻgħażagħ*. Tul sebat ijiem kienu jkunu organizzati sensiela ta' attivitajiet: diskussjonijiet, film seminars, teatru u logħob bis-sehem ta' bosta għaqdiet oħrajn taż-żgħażagħ li joperaw fil-Mosta u lil hinn minnha. Xi attivitajiet minnhom kienu jittellgħu 'l barra mir-rixtellu tal-Oratorju u ħafna drabi kienu jsiru fid-diversi żoni residenzjali fil-periferija tal-Mosta. Attività bħal din, sena wara sena, kienet tinvolvi ħafna preparamenti u xogħol, dejjem bl-iskop li ż-żgħażagħ ikollhom xi mkien bis-sens fejn imorru u hekk ikomplu jinbnew fil-karattru u l-mentalità tagħhom. Kienet isservi ta' *outreach* biex jintlaħqu dawk iż-żgħażagħ – tfajliet u ġuvintur - li ma kinux jattendu l-Oratorju.

Kien ukoll f'nofs id-disgħinijiet meta l-Oratorju xiref għall-ewwel darba rasu fuq l-internet billi kien varat is-sit elettroniku tiegħu. Kevin Sultana kien il-*webmaster* ta' din l-ewwel esperjenza *online*. Fuq il-gazzetta *Il-Mosta* sikwit kienu jidhru ittri lill-editur miktuba minn Mostin emigranti li żaru virtwalment l-Oratorju u għalhekk ġeddew il-memorji ta' żgħożithom. Għażilt tnejn minn dawn it-tip ta' kitbiet,

> Jien trabbejt f'dar qrib ħafna tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta u kont membru attiva fi ħdan il-Kor Santa Ċeċilja. Kont verament sorpriża meta kont qiegħda nagħmel *browsing* fuq l-internet u niltaqa' mal-*homepage* tal-Oratorju tal-Mosta. Ġeddidt ħafna u ħafna memorji. (Lela Mercieca, 1997)

> Ridt ngħidilkom 'hello' wara li dħalt fil-*webpage* tal-Oratorju. Kont verament impressjonat mhux biss bid-disinn attraenti tal-paġna, iżda ħadt pjaċir naqra l-kontenut u l-format li bih huwa miktub. Hija biċċa xogħol informattiva, sabiħa u li tispirak biex issir taf aktar fuq dan iċ-ċentru. (Vincent Said, 1997)

Illum forsi l-affarijiet jidhru ħafna iżjed sempliċi u minn ewl id-dinja jew, kif ngħidu, nieħdu kollox *for granted*. Imma kull bidu huwa tqil u jirrikjedi rieda biex tagħraf il-bidliet ta' madwarek, ħila biex mill-ħsieb tgħaddi għall-fatti u perseveranza biex dak li nbeda, jitkompla u jitjieb. Il-ħidma ma taqta' xejn taż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tal-Mosta kienet rikonuxxata fuq livell nazzjonali għal darba, darbtejn mill-istat. Fil-fatt, kemm fl-1996 u wkoll fl-1997, din l-għaqda Oratorjana kienet nominata finalista fi premju nazzjonali, imsejjaħ *Għarfien Nazzjonali Żgħażagħ fis-Soċjetà*, imniedi mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ. Fl-1997 rbaħnieh ukoll. Huwa veru li

din l-attività, il-Monsinjur Lawrence Gatt, Direttur tad-Dar tal-Providenza, kiteb hekk lil Rodney Cassar, President taż-ŻAK,

> Bejn l-Oratorju, u speċjalment iż-ŻAK tal-Mosta, u d-Dar tal-Providenza inħolqot rabta sabiħa li din is-sena kompliet tissoda bil-Martona ta' Sports li organizzajtu f'nofs Diċembru li għadda. F'isem din id-Dar, għalhekk, nirringrazzja lilek, lill-Kumitat u lil kull min ħa parti għall-eżempju sabiħ li tajtu u għall-offerta ġeneruża ta' Lm1,214 li ppreżentajtu. Il-Mulej ibierek il-ħidma tagħkom matul is-sena kollha. (*Il-Mosta* 174, 2001: 7).

Attività oħra maġġuri li bdiet issir fis-snin disgħin kienet ġimgħa sħiħa ta' attivitajiet f'Novembru u li kienet magħrufa bħala *FestaŻgħażagħ*. Tul sebat ijiem kienu jkunu organizzati sensiela ta' attivitajiet: diskussjonijiet, film seminars, teatru u logħob bis-sehem ta' bosta għaqdiet oħrajn taż-żgħażagħ li joperaw fil-Mosta u lil hinn minnha. Xi attivitajiet minnhom kienu jittellgħu 'l barra mir-rixtellu tal-Oratorju u ħafna drabi kienu jsiru fid-diversi żoni residenzjali fil-periferija tal-Mosta. Attività bħal din, sena wara sena, kienet tinvolvi ħafna preparamenti u xogħol, dejjem bl-iskop li ż-żgħażagħ ikollhom xi mkien bis-sens fejn imorru u hekk ikomplu jinbnew fil-karattru u l-mentalità tagħhom. Kienet isservi ta' *outreach* biex jintlaħqu dawk iż-żgħażagħ – tfajliet u ġuvintur - li ma kinux jattendu l-Oratorju.

Kien ukoll f'nofs id-disgħinijiet meta l-Oratorju xiref għall-ewwel darba rasu fuq l-internet billi kien varat is-sit elettroniku tiegħu. Kevin Sultana kien il-*webmaster* ta' din l-ewwel esperjenza *online*. Fuq il-gazzetta *Il-Mosta* sikwit kienu jidhru ittri lill-editur miktuba minn Mostin emigranti li żaru virtwalment l-Oratorju u għalhekk ġeddew il-memorji ta' żgħożithom. Għażilt tnejn minn dawn it-tip ta' kitbiet,

> Jien trabbejt f'dar qrib ħafna tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta u kont membru attiva fi ħdan il-Kor Santa Ċeċilja. Kont verament sorpriża meta kont qiegħda nagħmel *browsing* fuq l-internet u niltaqa' mal-*homepage* tal-Oratorju tal-Mosta. Ġeddidt ħafna u ħafna memorji. (Lela Mercieca, 1997)

> Ridt ngħidilkom 'hello' wara li dħalt fil-*webpage* tal-Oratorju. Kont verament impressjonat mhux biss bid-disinn attraenti tal-paġna, iżda ħadt pjaċir naqra l-kontenut u l-format li bih huwa miktub. Hija biċċa xogħol informattiva, sabiħa u li tispirak biex issir taf aktar fuq dan iċ-ċentru. (Vincent Said, 1997)

Illum forsi l-affarijiet jidhru ħafna iżjed sempliċi u minn ewl id-dinja jew, kif ngħidu, nieħdu kollox *for granted*. Imma kull bidu huwa tqil u jirrikjedi rieda biex tagħraf il-bidliet ta' madwarek, ħila biex mill-ħsieb tgħaddi għall-fatti u perseveranza biex dak li nbeda, jitkompla u jitjieb. Il-ħidma ma taqta' xejn taż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tal-Mosta kienet rikonuxxata fuq livell nazzjonali għal darba, darbtejn mill-istat. Fil-fatt, kemm fl-1996 u wkoll fl-1997, din l-għaqda Oratorjana kienet nominata finalista fi premju nazzjonali, imsejjaħ *Għarfien Nazzjonali Żgħażagħ fis-Soċjetà*, imniedi mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ. Fl-1997 rbaħnieh ukoll. Huwa veru li

l-voluntier ma jaħdimx għall-grazzi, imma huwa veru wkoll li meta din tingħata jkollha l-istess effett ta' mewġa friska fl-eqqel tas-sajf. Il-kelma 'grazzi' kapaċi tagħti kuraġġ u sseddaq ir-rieda għal aktar impenn fil-ġejjieni.

## Konklużjoni

L-Azzjoni Kattolika żgur li kienet fost l-iżjed, jekk mhux l-iżjed għaqda fl-Oratorju li ħaddmet l-ingranaġġi tas-sistema edukattiva kif imfassla minn Dun Ġwann Bosco. Matul is-snin kienet strumentali biex ipprovdiet spazju u opportunitajiet lil eluf ta' żgħażagħ Mostin biex jiltaqgħu, jilagħbu, jirreċtaw, ikantaw, idoqqu, imexxu, ifasslu, jevalwaw u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom permezz ta' kurdun dejjem jiġġedded ta' attivitajiet. Il-ġid li sar qatt mhu se jkun ikkwantifikat b'ebda mod, imma huwa ġid miżrugħ u mxettel f'dawk kollha li messew ma' din l-għaqda fl-Oratorju li llum jinsabu jaqdu r-rwol tagħhom fis-soċjetà bħala missirijiet, saċerdoti, politiċi, professjonisti, negozjanti, inġiniera, artisti u ħaddiema tas-sengħa u tal-id. Bis-saħħa tal-formazzjoni u l-esperjenza li ħadu fl-Oratorju kienu kapaċi jidħlu fil-ħajja pubblika b'żewġ konvinzjonijiet prinċipali: li jkunu xhieda tal-imħabba ta' Kristu bħala nsara u li jkunu ta' servizz lejn l-istat u l-familja bħala ċittadini onesti. Dan il-potenzjal għadu kollu kemm hu investit fl-Oratorju b'risq l-insara u ċ-ċittadini t'għada. Bir-rieda t-tajba, bl-impenn kontinwu u bis-sensi ta' sagrifiċċju u gost magħġunin flimkien, dan il-potenzjal jista' jkompli jitwettaq mil-*leaders* u ż-żgħażagħ tal-lum u t'għada.

# 12.3

# Il-Mosta Youths Dramatic Company

Kif rajna fil-kapitli preċidenti, sa mill-ewwel snin tiegħu fil-bidu ta-seklu 20, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù minn dejjem emmen fil-potenzjal tal-palk, ir-reċtar u d-dixxiplina teatrali bħala mezz mhux biss ta' divertimenti imma, fuq kollox, bħala għodda ta' formazzjoni u tagħlim. Is-sala tat-teatrin kienet preżenti anki fl-ewwel Oratorju fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u, aktar tard, meta nbena l-Oratorju preżenti s-sala mill-ewwel bdiet tgawdi post ċentrali mhux biss fl-istruttura arkitettonika, imma wkoll fil-kalendarju tal-attivitajiet. Issa jekk l-fundaturi ħasbu għall-palk, ma setax ikun li ħaddieħor ma jaħsibx ukoll għall-atturi, il-kostumi u x-xenarji. Din ir-realtà tispjega l-fatt il-għala fl-Oratorju operaw diversi għaqdiet tad-drama fi żminijiet differenti. F'dan il-kapitlu se nagħtu ħarsa lejn il-bosta *drama groups* li kienu fformati fl-Oratorju jew li tellgħu produzzjonijiet fis-sala tiegħu. B'mod partikolari se nitkellmu dwar il-kumpanija *L'Unione* u l-*Mosta Youths Dramatic Company*. Id-*drama group* Talent Mosti li twaqqaf fl-Oratorju f'nofs is-snin tmenin nittrattawh f'kapitlu 12.8.

### Ġamri ta' Ružann

Meta titkellem dwar il-kultura teatrali fil-Mosta u fl-Oratorju ma tistax tibda mingħajr ma ssemmi l-ewwel lil Ġamri Galea, jew inkella kif kienu jafuh ħafna bħala 'Ġamri ta' Ružann'. Ġamri kien il-pijunier ewlieni tal-arti drammatika fil-Mosta.

> Ġamri ta' Ružann, għalliem u dilettant kbir tal-palk, kien ikun dejjem hemm [fl-Oratorju] imdawwar b'dilettanti oħra li spiss kienu jippreżentaw drammi fis-sala. Drammi tal-Passjoni, drammi fuq persunaġġi bibliċi dejjem kienu favoriti. Il-programm aktarx kien jispiċċa b'xi farsa. Trid tara s-sala tal-Oratorju meta jkunu qed jippreparaw xi dramm; għexieren ta' żgħażagħ, min ipinġi xi xena, min isammar u jwaħħal... min jirranġa xi kostumi. Kien ikun hemm għors sħiħ! (Giovann Demartino, 2014)

Mill-banda l-oħra l-kumpanija *L'Unioni* kienet tiġbor fi ħdanha għadd ta' dilettanti Mostin tal-palk u, għalkemm ma kinitx għaqda li tagħha l-Oratorju kien patrun, kienet ittella' diversi produzzjonijiet fuq il-palk ta' dan iċ-ċemtru. Bis-saħħa ta' dawn id-drammi resqu diversi nies lejn l-Oratorju, fosthom Joe Fenech, għalliem tat-Taljan ta' 63 sena, li kien imur ma' missieru waqt ir-rappreżentazzjonijiet fil-bidu tal-ħamsinijiet,

> Missieri, Wiġi tal-Lottu, kien suġġeritur mal-kumpanija *L'Unioni* li kien waqqafha Ġużeppi Cassar, flimkien ma' martu, wara l-gwerra. Kienet waħda mill-ewwel għaqdiet li tellgħet mara fuq il-palk biex taħdem il-parti femminili. Kienet taħdimha Bessie Cassar, Mostija, li kienet prima attriċi di natura. Kienet il-mara ta' Ġużeppi. Imma miskina, peress li kienet fost l-ewwel nisa li qatt telgħu fuq palk, kellha tħabbat wiċċha ma' diversi kontroversji. Min jaf kemm ħadni miegħu, missieri, biex nisma' u nara r-reċti minn ħdejh. Kont insegwi t-teatrin kollu mis-saġġa tas-suġġeritur. Il-provi kienu jagħmluhom fid-dar ta' Anġlu Fenech tal-*union*, waqt li l-*performances* kienu jittellgħu fl-Oratorju u anki barra r-raħal. Dan kien il-bidu tal-konnessjoni tiegħi mal-Oratorju. (Joe Fenech, 2015)

Ir-restrizzjoni li ma kinitx tħalli lin-nisa fuq il-palk baqgħet tkun inforzata sew fl-Oratorju sal-bidu tas-sebgħinijiet. Għalhekk mhux l-ewwel darba li xi żagħżugħ ħelu kellu jilbes ta' mara biex jinterpreta l-parti ta' mara. Dun Anġ u miegħu dawk li ġew qablu bħala Diretturi kienu jħarsu lejn din ir-restrizzjoni bl-akbar devozzjoni u jqisuha bħala kmandament. Kienet din ir-raġuni ta' ħafna diżgwid li nqala' fl-Oratorju fis-snin ta' wara, kif għad naraw f'dan il-kapitlu. B'danakollu mhux dejjem in-nuqqas ta' nisa fuq il-palk kienet il-problema, iżda xi minn daqqiet anki l-ħinijiet fit-tard setgħu ġabu l-inkwiet, kif jiftakar tajjeb Emidio Scicluna,

> *L'Unioni* u Dun Anġ mhux dejjem ikklikkjaw. L-ewwel nett għax riedu jdaħħlu n-nisa u, it-tieni, kienu jtellgħu drammi antiki b'kull wieħed b'xi erba' atti. Kienu jkunu drammi melodrammatiċi minn dawk ta' '*O Sema! – O Art!*' Niftakar wieħed minnhom kien dwar meta għerqet Venezja. Tista' taħseb! Kien dramm twil! Kienu saru d-9:30pm u kien għadhom f'nofs it-tielet att. Dun Anġ qabżitlu, tela' fuq il-palk u beda jagħlaq is-separju f'nofs xena. Spiċċa ġġieled ma' Ġużeppi Cassar li kien id-direttur ta' *L'Unioni*. Biż-żmien il-kumpanija *L'Unioni* nqatgħet mill-Oratorju. (Emidio Scicluna, 2015)

Għalkemm mhux għaqda interna tal-Oratorju, il-kumpanija *L'Unioni* għandha post speċjali fl-istorja mżewqa tal-Oratorju u mhux lanqas fin-nostalġija ta' bosta Mostin li llum qabżu s-sittin sena.

## Palk mimli attività

Min-nofs is-snin ħamsin 'il quddiem, wara li l-iscouts ħarġu mill-Oratorju u marru fi kwartier indipendenti, grupp żgħir ta' studenti u żgħażagħ li kienu jattendu l-Azzjoni Kattolika fl-Oratorju tħajru jiffurmaw grupp attiv tad-drama. Ħadd ħlief tnejn minnhom

ma kellhom l-iċken esperjenza ta' palk: Karmenu Gatt u Gregory Caruana. Bil-ħsieb li nkun naf aktar dwar din iż-żerriegħa teatrali li tħawlet fl-Oratorju fit-tieni nofs tal-ħamsinijiet, tkellimt ma' wieħed mill-fundaturi Gregory Caruana, magħruf aħjar bħala Gori, li aktar tard emigra lejn l-Awstralja,

> Jien u Karmnu Gatt, Alla jagħtih il-glorja tal-ġenna, konna membri tal-Azzjoni Kattolika. Konna midħla tal-palk u ħloqna l-grupp tagħna tad-drama fl-Oratorju. Ingħaqdu oħrajn magħna bħal Alessio Fenech, Emidio Scicluna, Joe Quattromani, Karmenu Azzopardi u, aktar tard, Joe Gatt, ħu Karmnu. Kull sena kien jittella' d-dramm tal-passjoni mill-membri tal-iscouts. Kien hemm JJ Camilleri [il-Pjola] jagħmel il-parti ta' Kristu. F'nofs il-ħamsinijiet mbagħad konna ħadnieha aħna u, meta waqaf il-Pjola, bdejt nagħmel il-parti ta' Kristu minfloku. Kważi kull xahar konna ntellgħu dramm jew kummiedja fl-Oratorju. (Gregory Caruana, 2015)

L-ewwel dramm li l-*Mosta Youths Dramatic Company* telgħet fis-sala tal-Oratorju kien jismu *Iċ-Ċkejken Vito*. Wara saru rappreżentazzjonijiet ta' diversi drammi b'xi wħud kienu jkunu oriġinali. Għall-ewwel kien jiktibhom Alessio Fenech sakemm, imbagħad, ingħaqad magħhom Joe Gatt li maż-żmien stabilixxa ruħu bħala wieħed mill-aħjar drammaturgi f'Malta. Irid jingħad li minbarra l-*Mosta Youths Dramatic Company*, fil-ħamsinijiet, is-sittinijiet u anki wara kien ikun hemm ħafna kumpaniji teatrali minn barra r-raħal li kienu jirreċtaw fuq il-palk tal-Oratorju. Fost dawn insemmu lill-*Hit Paraders* taż-Żurrieq, is-*Sliema Dramatic Company*, ix-*Sciberras Dramatic Company* minn Tas-Sliema wkoll, il-*Mellieħa Stage Friends* u l-*Anici Dramatic* ta' Ħal Qormi. F'kull serata kienu jtellgħu dramm serju u fl-aħħar jispiċċaw b'farsa qasira. Dik kienet is-sistema f'dik il-ħabta.

Jimmy Mifsud tkellem miegħi dwar meta kien jindiehes maż-żgħażagħ tal-Oratorju dilettanti tal-palk,

> Fil-Mosta kien hawn aktar minn kumpanija waħda tat-teatrin, imma l-*Mosta Youths Dramatic Company* biss baqgħet fl-Oratorju. Victor Caruana (iċ-ċiċra) kien dejjem is-suġġeritur. Iz-ziju Alessio kien jikteb skripts oriġinali u jien kont immur għandu d-dar biex noqgħod nipprattika t-*typewriter* billi nittajpjalu l-iskripts. (Jimmy Mifsud, 2015)

F'dan l-istadju ma nistgħux ma nagħmlux referenza għall-konkors teatrali li kien beda jsir ta' kull sena fis-sala Dun Edgar Salomone fl-Oratorju tal-Imġarr. Fl-1960 il-fundaturi tal-*Mosta Youths Dramatic Company* bdew jieħdu sehem f'dan il-konkors nazzjonali. Ma kinitx ħaġa faċli għax kienu meħtieġa ħafna flus u ħafna atturi. Il-kumpanija Mostija fl-Oratorju kellha biss ġuvintur żgħar u kien f'dan iż-żmien li bdew jingħaqdu magħhom kemm atturi adulti u oħrajn nisa. U hekk l-atturi Mostin ħadu sehem l-ewwel darba fil-konkors tal-Imġarr bid-dramm *Dak Mhux Ħati* u baqgħu jipparteċipaw għal ħmistax-il sena konsekuttiva (Joe Gatt, 1986: 351). Hawn irridu nirrimarkaw li fl-Oratorju tal-Imġarr ma kienx hemm restrizzjonijiet għan-nisa biex jitilgħu fuq il-palk.

## Bidla fl-isem u fil-post

Maż-żmien il-membri tal-grupp bdew jikbru fl-età u f'dan il-kuntest il-fundaturi ddeċidew li jwaqqgħu l-kelma *youths* mill-isem tal-kumpanija u bdew isejħu lilhom infushom bħala *Mosta Dramatic Company*, kif għadha magħrufa sal-lum. Ftit snin wara tfaċċa l-bżonn ta' lokal ieħor għal-laqgħat u l-provi. Rafel Vella offra dik li kienet daru lil Karmenu Gatt u hekk 'il-kumpanija' ħarġet mill-Oratorju u sabet ruħha f'dar kantuniera faċċata tal-istess Oratorju.

> Biż-żmien ħriġna mill-Oratorju u morna f'binja faċċata tal-Oratorju fejn sal-lum għadha magħrufa mal-Mostin bħala 'Tal-Kumpanija'. Xorta bqajna nagħmlu r-reċti fl-Oratorju. Tant hu hekk li konna ntellgħu xi sitt produzzjonijiet kull staġun. Sadattant kienu bdew jattendu t-tfajliet fil-klabb tagħna u għall-provi, imma fl-Oratorju konna bqajna ntellgħu raġel jagħmel il-parti ta' mara. Sal-bidu tas-sebgħinijiet hekk baqgħet il-*policy*, sakemm Dun Anġ beda jerħi ftit ftit. (Gregory Caruana, 2015)

Fil-kuntest ta' meta l-kumpanija tad-drama ddeċidiet li tinfired mill-Oratorju li wellidha, tkellimt ukoll ma' Marvic Camilleri, *old boy* tal-Oratorju u, għal ħafna snin, kien ukoll attiv fil-*Mosta Dramatic Company*. Irrakkontali l-aħħar żbruffatura li wasslet biex tittieħed id-deċiżjoni biex 'il-kumpanija' tfittex imkien ieħor.

> Kien hemm armarju żgħir tal-injam li kien mitluq taħt il-palk tal-Oratorju u d-diriġenti tad-*drama group* talbu lil Dun Anġ biex iżommu xi żebgħa fih. Dun Anġ qallhom iva bla problemi. L-għada ġew u Dun Anġ qalilhom, 'dak għandi bżonnu!' U l-oħrajn irrassenjaw ruħhom. Imbagħad jiġu darb'oħra u jsibu lil wieħed [isem miżmum mill-awtur] minn tal-Azzjoni Kattolika jkisser dan l-imniefaħ armarju. U kellhom kunflitt kbir ma' Dun Anġ, imbagħad. U minn dakinhar ħarġu 'l barra u baqgħu ribellużi kontra l-Oratorju. Imma maż-żmien, il-qiegħa ma baqgħetx daqstant taħraq, tant li xorta baqgħu jtellgħu l-*plays* fl-Oratorju, fosthom *Min hu bla Ħtija*, *It-Testment tal-Baruni* u *Scrooge*. (Marvic Camilleri, 2015)

L-istorja tal-armarju ma kinitx ir-raġuni tal-firda, imma kienet iż-żbiba fl-aħħar tal-mazzita. Il-kwistjoni tan-nisa fuq il-palk u d-dellijiet tqal tal-glieda politika-reliġjuża kienu fost l-aktar raġunijiet serji li wasslu biex il-Kumpanija titlaq mill-Oratorju u tfittex banda oħra.

Mal-mixja tas-snin, il-*Mosta Dramatic Company* kompliet tikber speċjalment fis-sebgħinijiet u s-snin tmenin. Tellgħet ħafna produzzjoni kbar mhux biss fil-Mosta, imma madwar Malta kollha nkluż fil-Belt. Għalkemm seta' kien hemm min kellu l-impressjoni li bejn l-Oratorju u l-Kumpanija seta' kien hemm xi preġudizzji, imma dan kemm-il darba ġie mkabbar għal xejn b'xejn. Dun Anġ dejjem baqa' juri rispett lejn l-aħwa Karmnu u Joe Gatt. Jien kont responsabbli meta għall-Akkademja tal-Għaqda Studenti Mostin konna għażilna wieħed mid-drammi ta' Joe Gatt, *U Għebet il-Hena*, biex intellgħuh fuq il-palk tal-Oratorju fl-1994. Kien dramm li jitratta dwar l-inġustizzja

soċjali u l-iżvilupp mhux sostenibbli ta' art agrikola. Għal grazzja t'Alla, f'dik il-ħabta kien ilha li għaddiet u ntesiet il-prattika li n-nisa ma setgħux jitilgħu jirreċtaw.

Dwar 'il-kumpanija' se nieqaf hawn, imma mhux qabel ma nirringrazzja lid-direttur Joe Gatt u lil sħabu li qatt ma nsew lill-Oratorju li wellidhom u tahom l-opportunità biex iħaddmu t-talenti tagħhom.

## Konklużjoni

Ħafna miż-żgħażagħ tal-Oratorju kien jinteressahom il-palk. Kien żmien ukoll meta kulħadd għamel għaqda għalih u mar għal rasu. Joe Bartolo, magħruf bħala Ta' Spir, semmieli l-grupp *Fizz-Wiz* li kien jiġbor fih ħafna atturi ġuvintur, fosthom Peter Borg u hu stess, li aktar tard għamlu isem fuq it-televixin. Fis-snin sebgħin, Joe Quattromani għaqqad grupp teatrali li semmieh 'Jien u l-Oħrajn' u, l-istess, kien itella' diversi drammi fil-Mosta u lil hinn minnha. Aktar tard twaqqaf il-grupp MASK b'diversi membri tal-Oratorju u li kien itella' ħafna produzzjonijiet fl-Istitut Kattoliku. Għalkemm ma kellhiex mill-kumditajiet u l-*gadgets* diġitali tal-lum, il-ħajja fl-Oratorju qatt ma kienet monotona. Min ried, dejjem sab x'jagħmel u fiex jedha. Il-palk huwa għodda tassew meraviljuża għax tifraħ int bħala attur u tferraħ lil ħaddieħor fil-platea. Il-palk ma jagħtikx biss il-gost imma, aktar minhekk, jgħallmek id-dixxiplina, iħarrġek fl-impostazzjoni tal-vuċi u fil-ġesti tal-wiċċ u l-ġisem, ilaqqgħek ma' ħafna nies u permezz tiegħu tagħmel ħbieb ġodda. Mhux ta' b'xejn li San Ġwann Bosco waħħad lit-teatru mas-Sistema Preventiva li ħoloq. Dun Edgar Salomone, Dun Karm Sciberras, Dun Pawl Calleja u Dun Anġ Camilleri u issa Dun Albert Buhagiar, bħala Diretturi tal-Oratorju, irsistew ħafna biex ikollhom sala teatrali attrezzata u attiva bl-atturi fuq il-palk u bin-nies miġbura fil-platea.

# 12.4

# L-Għaqda Studenti Mostin

Oriġinarjament din l-għaqda, imwaqqfa minn Dun Anġ Camilleri fl-1958, kellha l-isem uffiċjali tagħha bl-Ingliż, *Young Students League*, imma eventwalment bdiet tkun imsejħa bħala Għaqda Studenti Mostin (GħSM). L-iskop ewlieni tagħha kien dak li tiġbor fi ħdanha studenti subien tal-iskejjel sekondarji u post-sekondarji, u filwaqt li tagħtihom formazzjoni nisranija u ċivika, isservi wkoll ta' żvog bil-bosta attivitajiet li kienu jkunu organizzati. Il-lettur veteran, Charles J. Falzon, jiftakar tajjeb x'kien it-tir ewlieni ta' Dun Anġ meta waqqaf din l-għaqda,

> Dun Anġ kellu l-idea li jippromwovi l-edukazzjoni terzjarja fost iż-żgħażagħ Mostin. Ħafna minn dawk tal-iskola kienu jieqfu mal-*O levels*, u minn hemm imorru skrivana maċ-Ċivil, inkella għalliema. Ftit li xejn kienu jmorru l-università. U kien hawn li twaqqfet il-*Young Students' League* bl-ewwel president ikun Joe Camilleri. Dun Anġ kiteb l-istatut tagħha. L-istatut ta' Dun Anġ ma kienx ikollu xi ħamsin klawsola, għax fil-fehma tiegħu aktar ma tagħmel regoli aktar se tintrabat. Kien jimxi ħafna fuq ir-regoli ta' Dun Bosco. (Charles J. Falzon, 2015)

## Esperjenza għall-ħajja

Filwaqt li Dun Anġ dejjem serva bħala d-direttur tal-Għaqda, il-membri tal-kumitat kienu jkunu l-istudenti stess li għalihom din kienet tkun l-ewwel esperjenza ta' ħatra eżekuttiva. Dan kien tal-akbar inċentiv biex żagħżugħ ta' erbatax/ħmistax-il sena jibda jitħarreġ u jġarrab il-gost, id-diffikultajiet u l-avventura ta' kif jitmexxa kumitat. Jitgħallem jorganizza u jdomm proġetti diversi. Jitgħallem il-mod ta' kif jamministra l-flus, kif iġib ruħu f'sitwazzjoni ta' kunflitt u kif jibni tim tajjeb u ħabrieki. Jitħarreġ fil-*public speaking* u fil-mod ta' imexxi seduti u seminars. Il-kumitat kien ikun elett jew ikkonfermat għal terminu ta' tnax-il xahar waqt laqgħa ġenerali li għaliha jkunu mistiedna l-membri kollha. L-Għaqda kienet l-ekwivalenti tal-aspiranti tal-Azzjoni

Kattolika li kont issib f'ċentri simili, però kienet għal kollox awtonoma mill-moviment tal-Azzjoni Kattolika.

Ngħid għalija, matul is-sitt snin li għamilt fil-kumitat tal-GħSM (1986-1995), għamilt ħafna xogħlijiet u akkwistajt għadd ta' ħiliet u li mbagħad swewli mitqlu deheb meta ġejt biex ngħaddi minn fuq il-bankijiet tal-iskola għal fuq il-lant tax-xogħol. F'din l-għaqda ktibt l-ewwel stqarrijiet għall-istampa bħala PRO, ħarbixt l-ewwel minuti tal-laqgħat tal-kumitat bħala segretarju, editjajt l-ewwel rivista bħala editur, organizzajt l-ewwel kompetizzjoni sportiva, irreċtajt l-ewwel darba fuq il-palk, mexxejt skolasajf għat-tfal u rrappreżentajt l-għaqda f'fora nazzjonali. Dak iż-żmien kollox kien għadu ġdid għalija, kollox kien avventura. Bla ma kont naf, bdejt nakkwista diversi abbiltajiet u ħiliet intrapersonali u interpersonali li aktar tard bdejt nitgħallem dwarhom fit-teorija. Il-fatt li din l-Għaqda kienet tatni l-opportunità biex nesperjenzahom fl-Oratorju kien tal-akbar siwi biex stajt nifhem il-kunċetti u l-oqsfa teoreteċi tal-management u l-politika fl-Università. U bħali ġralhom dawk l-eluf ta' studenti Mostin li kellhom ix-xorti li jkunu mseħbin f'din l-Għaqda, kemm jekk eventwalment komplew bl-istudji tagħhom u laħqu professjonisti, u kemm jekk għażlu l-iskejjel tas-snajja' u tħarrġu f'xi sengħa partikolari. Tony Galea ta' 62 sena, illum *General Manager* ta' entità privata, jirrimarka,

> Attendejt id-duttrina fil-Mużew. Imma meta kont se nibda l-*Junior College* ġejt l-Oratorju. Dun Anġ immarkani mill-ewwel biex nidħol fil-kumitat tal-GħSM. Kont ilħaqt President u bqajt attiv anki meta eventwalment gradwajt bħala inġinier mill-Università. Dun Anġ irnexxielu joħroġni mill-qoxra ħoxna li kelli sa minn meta kont għadni ta' sittax u tani fiduċja fija nnifsi. L-esperjenzi fil-kumitati fl-Oratorju servewni tajjeb biex illum nista' mmexxi kumpanija industrijali. (Tony Galea, 2015)

## Il-motto u l-arma

Il-motto tal-GħSM huwa bil-Latin, *In Scientia et Virtute*, li jfisser li nimxu 'l quddiem mogħnija bl-għerf u l-virtù. Dawn il-kelmiet huma sinteżi preċiż tal-iskop ta' din l-Għaqda li għal ħamsin sena (1958-2006) tat l-aqwa kontribut lill-adoloxxenti fil-parroċċa tal-Mosta biex jikbru fl-għarfien ta' diversi suġġetti, iwessgħu u japprofondixxu l-pjattaforma tal-ħiliet tagħhom, waqt li jindukraw u jimmaturaw fil-valuri t-tajba. Fi kliem Dun Anġ, 'l-istudent, minbarra t-tagħlim, hemm bżonn li jkun qalbu tajba'(DAC, 1998: 3). Mhux ta' b'xejn li l-emblema tal-GħSM fuq disinn ta' Dun Anġ stess kienet tinkorpora ktieb miftuħ u blanzun ta' warda; tal-ewwel simbolu tal-għerf u tat-tieni għelm tal-virtù li għad irid jiftaħ u jfewwaħ iżjed fil-ħajja. Għadni niftakar tajjeb meta fl-1991 kienet inawgurat il-bandalora tal-Għaqda mill-Arċipriet Dun Joe Carabott waqt l-akkademja annwali fit-teatru tal-Oratorju. Dakinhar Mario Mifsud kien is-segretarju tal-Għaqda. Id-disinn tal-bandalora sar minn Emanuel Zammit u kien irrakkmat minn Speranza Spiteri. Min jaf kemm imxew studenti Mostin wara din il-bandalora fil-purċissjonijiet tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù u f'attivitajiet oħra kemm fil-parroċċa u anke 'l barra minnha.

## Il-laqgħat tal-Ħadd

Il-laqgħat tal-Għaqda kienu jsiru nhar ta' Ħadd filgħodu bejn l-10:00 u l-11:00 ta' filgħodu. Il-laqgħat dejjem kienu jibdew bit-talba tal-bidu u l-qari tal-minuti tal-laqgħa tal-Ħadd ta' qabel. Ħafna mill-laqgħat kienu jkunu mmexxija minn Dun Anġ li kien juża l-i*slide projector* biex jipproġetta stampi fuq dak li jkun qed jitkellem fuqu, l-aktar dwar l-ispjega tal-vanġelu tal-Ħadd. Kienu żminijiet meta ma konniex għadna ħlomna bil-*powerpoint,* imma xorta waħda kien hawn għajnuniet viżwali biex jikkonsolidaw it-twassil tal-messaġġ. Stanley Mangion jiftakar tajjeb lil Dun Anġ waqt xi laqgħa minn dawn f'nofs is-sittinijiet,

> Konna niltaqgħu fis-sala u l-laqgħat kienu jkunu prattiċi. Per eżempju kif l-istudent għandu jikkonfronta b'serenità l-eżamijiet. Anki meta Dun Anġ kien jitkellem dwar il-fidi, kien japplika l-esperjenza spiritwali fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Kellu ċerta loġika fil-binja tal-ħsieb u kif idea iwassalha ħelu ħelu għal oħra. Għadni niftakru meta spjegalna kif San Pawl, meta kellem lil Griegi fuq l-imħabba, bena l-argument tiegħu fuq bażi xjentifika u ġab raġunijiet dwar il-fond, it-tul u l-wisa' tal-imħabba. Kien qalilna li, 'La Griegi kienu filosfi, San Pawl tkellem magħhom ta' filosfu, anzi kellimhom b'lingwa matematika!' (Stanley Mangion, 2015)

Imbagħad kien ikun hemm drabi meta xi membru adult jew *old boy* tal-Għaqda kien ikun responsabbli mil-laqgħa billi jorganizza xi kwizz ta' tagħrif ġenerali, jitkellem dwar xi safra li jkun għamel jew imexxi diskussjoni interessanti ma' dawk preżenti li kienu jkunu madwar sittin student u aktar. Kienu jkunu mistiedna diversi għalliema ħbieb ta' Dun Anġ, fosthom il-Professur tal-istorja Godfrey Wettinger, iċ-ċeramista Gabriel Caruana, il-kittieb J.J. Camilleri u l-katekist Paul Abela. Personalment niftakar ukoll diversi esperti li kienu jkunu mistiedna biex jitkellmu dwar temi interessanti, fosthom Guido Lanfranco jħambaq fuq l-ambjent naturali, Dr Maria Sciberras tas-*sedqa* dwar il-vizzju tad-droga, Leslie Agius fuq l-edukazzjoni u Sammy Calleja dwar il-letteratura Maltija. It-taħlita ta' temi, kelliema u modi ta' tagħlim kienet iċ-ċavetta ewlenija biex il-laqgħat tal-Ħadd filgħodu jibqgħu dejjem appellabbli għall-membri tal-Għaqda. Laqgħat bħal dawn swew biex jagħtuna dimensjoni wiesgħa tal-ħajja. Fi tmiem il-laqgħa kienet tingħad talba li nkitbet apposta għall-Għaqda (ara Appendiċi I). Wara l-laqgħa li fil-bidu kienet issir fis-sala u aktar tard fil-kappella, jew inkella fil-klassijiet ta' fuq, l-istudenti kienu jinġabru fil-*youth centre area* biex jilagħbu l-i*snooker*, it-*table-tennis* u ċ-*chess* waqt li jitrejqu b'xi ħaġa ħafifa minn mal-bar. Ma' nofsinhar kulħadd idabbar rasu lejn daru għall-ikla tal-Ħadd filgħodu.

Fis-snin sittin meta n-numru ta' membri kien jaqbeż sewwa l-mija, kienet iddaħħlet sistema ta' kuluri li kienu jaqsmu lill-istudenti fi gruppi,

> Dak iż-żmien konna ninqasmu f'kuluri differenti. Kull 25 student ta' etajiet imħalltin kienu jingħataw kulur. Il-ħomor, il-koħol, is-sofor u l-ħodor. Anki fir-rassenja tal-laqgħat, isimna konna nniżżluh skont il-kodiċi tal-lewn tagħna. Il-kuluri kienu jservu wkoll biex ninqasmu

f'timijiet meta nippartecipaw f'kompetizzjonijiet sportivi. Il-kuluri kienu jiddeterminaw ma' liema tim tikkompeti. (Mario Riolo, 2015)

## Attivitajiet varji ta' tagħlim

Mal-mogħdija tas-snin din is-sistema waqfet u ntesiet. Madankollu minn żmien għal żmien, il-kumitat kien jaħseb biex isensel inizjattivi ġodda. Ngħidu aħna, fl-1965, insibu t-twaqqif ta' *study circles* kulturali, kif kien kiteb il-President tal-GħSM, Anthony Camilleri, fuq *il-Mosta* fl-1965,

> Dan l-aħħar waqqafna *Cultural Board* biex jipperfezzjona dejjem iżjed l-isforzi tagħna f'din l-isfera. Dan il-*Cultural Board* jikkonsisti fi studenti li jispeċjalizzaw f'xi suġġett u li jieħdu ħsieb li jinkoraġġuh billi jwaqqfu *study circles* għall-studenti oħrajn billi jagħmlu *talks*, iġibu films u *lecturers* konnessi mas-suġġett tagħhom. Barra milli jgħinuhom fl-istudju tagħhom, dawn l-attivitajiet inisslu sens ta' responsabbiltà fihom. (Anthony Camilleri, 1965: 3)

Dwar dan iż-żmien bikri tkellimt ukoll ma' Alex Vella ta' 70 sena, illum sid u direttur maniġerjali ta' kumpanija kummerċjali, li kien l-ewwel segretarju tal-Għaqda.

> Konna norganizzaw numru ta' *debates* fejn konna nagħżlu suġġett u grupp ta' studenti jkollhom jagħmlu każ favur u grupp ieħor jagħmlu l-każ kontra. Hekk konna nitgħallmu niddibattu, infasslu l-argumenti u nisimgħu l-pożizzjoni ta' ħaddieħor. Konna nagħmlu ħafna kwizzes ta' tagħrif ġenerali u jien kemm-il darba għamiltha ta' *quiz master*. Kienu jkunu bl-Ingliż u kienu mezz edukattiv u divertenti fl-istess ħin. Darba minnhom inksirt kisra nobis. Waħda mid-domandi li ħejjejt kienet kif tispelli l-kelma 'crisis' (kriżi). U bħala t-tweġiba t-tajba, jien kelli '*crises*' li fil-fatt hija l-plural ta' *crisis*. Kienu kkoreġewni dak il-ħin stess u bħala *quiz master* ridt l-artal tiblgħani dakinhar! Kont ħadtha bi kbira u b'dak li ġrali ħadt tagħlima għal għomri li kull fejn nuri wiċċi, irrid inkun ippreparat sewwa. (Alex Vella, 2015)

Min-naħa tiegħu, l-avukat Manwel D Schembri rrakkontali dwar l-użu tal-films bħala mezz alternattiv ta' tagħlim li kienu jagħmlu użu minnu l-membri tal-Għaqda,

> Darba kull ħmistax konna mmorru l-British Council bil-*visiting card* ta' Dun Anġ. Kien il-Belt, quddiem il-katidral tal-Ingliżi. U konna nissellfu tliet films tas-16mm. Kienu jkunu dokumentarji li juru affarijiet ta' arti, arkitettura, letteratura u fuq pajjiżi differenti. U mbagħad konna narawhom mal-bqija tal-membri tal-Għaqda, il-Ħadd, wara l-laqgħa. Wara konna niddiskutuhom u nagħmlu iżjed riċerka dwar dak li nkunu rajna. Dan kien mod attraenti ta' kif inkabbru l-għerf u l-*general knowledge* tagħna. (Manwel D Schembri)

Fit-tmeninijiet u fid-disgħinijiet l-Għaqda organizzat għadd ta' *summer projects* bejn Lulju u Settembru. Minbarra l-voluntiera, l-GħSM għamlet użu minn studenti-ħaddiema tal-Università u tal-Liċei Superjuri li f'dik il-ħabta kienu jkunu mħallsa mill-Gvern u assenjati mal-għaqdiet mhux governattivi biex jiksbu esperjenza ta' xogħol fis-sajf. Matul dawn il-proġetti tas-sajf, l-Għaqda kienet tiftaħ il-kanċell tal-Oratorju matul in-nofstanhari ta' filgħodu biex isiru għadd ta' laqgħat formattivi, tagħlim ta' krafts u arti, kwizzis, sports u drama. Fid-disgħinijiet kelli x-xorti li norganizza erba' *summer projects* ta' dan it-tip li minnhom gawdew mijiet ta' studenti subien,

> Ippruvajna nħawru l-programm minn ġimgħa għal ġimgħa u għamilna minn kollox biex ma naqgħux fin-nassa tar-rutina... Bla dubju ż-żjajjar kulturali kull nhar ta' Erbgħa kienu fost l-iżjed popolari. Żorna l-Imdina, il-Bażi tal-Ajru tal-Forzi Armati, Radju Malta u *Television House*, il-Kumpless tal-Grawnd Nazzjonali f'Ta' Qali, il-Maratona [tal-*volleyball*] tal-Kerygma, il-Mużew Marittimu u l-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu. (Mario Vassallo 1993: 9)

## Xalati lejn il-baħar

Ma kinux jonqsu x-xalati lejn il-baħar u l-mixjiet bil-lejl fil-widien tal-Mosta. Attivitajiet bħal dawn jirrikjedu ħafna ħsieb, xogħol u ħin. Aktar minnhekk jitolbu wkoll li tidħol responsabbli minn minorenni. Kollox kien jittieħed bl-akbar serjetà, imma mhux b'formalità żejda. Meta kien ikun hemm bżonn ta' passi dixxiplinarji, ittieħdu bla tkewtil. Qatt ma kien irreġistrat xi inċident ikrah jew xi għemil irresponsabbli u serju, u ta' dan nirringrazzjaw 'l Alla u lill-voluntiera kollha li ħadmu fl-Għaqda matul is-snin. Xi wħud mill-*old boys* li ltqajt magħhom jiftakru b'nostalġija r-rabta ta' Dun Anġ mal-baħar,

> Dun Anġ kien iħobb ħafna x-xalati fejn il-baħar. L-iktar post favorit tiegħu kien Għajn Tuffieħa. Konna mmorru ġurnata sħiħa miegħu u magħna konna nġorru l-kampijiet biex nistkennu mix-xemx. Kienu tahomlu l-Amerikani u Dun Anġ dejjem kien jgħabbihom fuqi. Peress li minn dejjem kien fini tifel, kien jagħżel lili biex inġorr il-lasti u d-drapp oħxon tat-tined. Kienu tqal, niftakar. (Stanley Mangion, 2015)

Dwar ix-xalati lejn il-baħar kellimni wkoll Abel Galea,

> Konna ninstrassu xi tmenin ġo *private* waħda, ġeneralment konna nqabbdu lil Toni Vassallo, missier Rita tal-Kor Shalom. Kien raġel twajjeb. Konna mmorru kmieni biex niffrankaw il-qilla tax-xemx. Tlieta fuq bank u bilwieqfa fin-nofs ukoll. Daqs is-sardin konna nkunu mrassrin. Kull wieħed mil-*leaders* kien ikun assenjat xi għaxar t'itfal kull wieħed. Konna noħorġu 'l barra sakemm jilħaq sa qaddna u noqogħdu ringiela fil-baħar biex hekk nimmarkaw sakemm jistgħu joħorġu 'l barra. Waranofsinhar konna neħduhom għad-dell fl-Għar ta' San Martin jew fil-bitħa tas-santwarju tal-Mellieħa jew taħt is-siġar tal-Buskett biex jistrieħu. (Abel Galea, 2015)

Dun Anġ kien dilettant tal-baħar u anki għawwiem tajjeb. Oħrajn, aktar ta' ġewwa, kien ikollhom ix-xorti li joħorġu ġurnata sajd miegħu fuq id-dgħajsa,

> Dun Anġ kellu dgħajsa u xi kultant kien jagħżel xi tlieta minna u joħroġna miegħu fuq il-baħar lejn il-gżejjer ta' San Pawl biex nistadu bin-nassi. Qatt ma qbadna vopi; koċċ ċawl iswed għall-aljotta konna naqbdu. Kien ikollu kappell kbir tat-tibna għax-xemx u xorz wiesgħa tal-kakin sa fuq l-irkoppa. Konna mmorru kmieni filgħodu u darba minnhom irrabjajnieh sew. Wieħed minna, x'ħin wasalna fuq il-post, tah l-istonku tiegħu minħabba ċ-ċaqliq tal-mewġ u kellu jerġa' jidħol bina. Dakinhar mad-9 ta' filgħodu konna ġa trakkajna mal-moll ta' Buġibba u Dun Anġ rabba geddum sal-art. (Tony Galea, 2015)

## Ir-rivista *L-Istudent*

L-GħSM kellha wkoll il-pubblikazzjoni tagħha, *L-Istudent*. Dan kien perjodiku li fih kienu jikkontribwixxu l-membri u li għal ħafna minnhom din kienet tkun l-ewwel esperjenza tagħhom li jaraw kitbiethom ippubblikata. Fil-bidu l-perjodiku kien joħroġ bħala *The Student*, imma meta l-Għaqda dawret l-isem uffiċjali tagħha għall-Malti fil-bidu tas-sebgħinijiet, sar jismu *L-Istudent*. L-iskop ta' din il-pubblikazzjoni kien li 'sservi ta' ħolqa bejn l-istudenti' (Camilleri 1965), filwaqt li xxettel is-sengħa u l-arti ta' kitba riċerkata u kreattiva fost il-membri. B'kollox ħarġu mal-100 numru ta' *L-Istudent* fuq medda ta' tletin sena, għalkemm mhux dejjem kien hemm pubblikazzjoni fuq bażi regolari. Fost l-edituri nsemmi tnejn li llum jafhom kulħadd – Dr Anġlu Farrugia li llum huwa l-i*speaker* tal-Parlament u Dr Joe Mifsud, illum Maġistrat.

Sakemm bdiet tintuża l-*photocopier* f'nofs is-snin tmenin, *L-Istudent* kien ikun stampat bis-sistema tal-*Gestetner*. Din kienet biċċa għodda antika li kellu l-Oratorju u li permezz tagħha setgħu jsiru kopji mill-oriġinal li kien ikun ittajpjat bit-*typrewriter* fuq karta tax-xemgħa bl-użu wkoll tal-karta saħħara. Min jaf kemm dan it-tagħmir għall-kopji ntuża minn tant ġenerazzjonijiet ta' żgħażagħ Oratorjani mhux biss b'konnessjoni mal-perjodiku tal-GħSM iżda wkoll ma' diversi attivitajiet oħra li kienu jittellgħu f'dan iċ-ċentru, ngħidu aħna meta kien ikun hemm il-ħtieġa li jsiru kopji ta' skripts ta' drammi u kummiedji għal fuq il-palk. Charles J. Falzon għad għandu memorja tajba tal-Gestetner tal-Oratorju,

> Kien xtraha Dun Anġ *second hand*. Magna tqila ċomb. Poġġieha fil-gallerija tal-kappella u aħna konna nitilgħu hemm biex nipprintjaw. Ir-rivisti *The Student* u *The Heart Review* kienu jkunu ppubblikati biha. Jien kont nużaha wkoll meta kont għalliem fl-iskola ta' San Pawl il-Baħar. Kelli grupp ta' tfal li s-surmast kien qalli li m'huma tajbin għalxejn. Meta dħalt fil-klassi ordnajtilhom biex mill-għada jibdew jilbsu l-ingravata. Kien hemm it-tgergir u kien hemm tfal oħra li anki ppruvaw jifgawhom billi ġebbdulhom l-ingravata! Imma bil-mod il-mod bdejt nibnilhom il-fiducja fihom infushom u wara ftit ħajjarthom biex jibdew jiktbu xi ħaga u l-aħjar kitbiet kont nittajpjahomlhom ġo fuljett tal-klassi. Bil-permess ta' Dun Anġ, kont immur l-Oratorju biex bil-*Gestetner* ndawwar il-kopji. Minn buti kont

xtrajtlu riżma karti u stoċċ linka li baqgħu jservuh għal min jaf kemm! Kien żmien meta konna rridu naħdmu bla ebda riżorsi. (C.J. Falzon, 2015)

## Il-librerija

Waħda mir-responsabbiltajiet fi ħdan il-kumitat tal-GħSM dejjem kienet tkun dik ta' librar, li ħafna drabi kien ikun imwieżen mill-kariga ta' assistent librar ukoll. U dan bir-raġun, il-għaliex l-Għaqda kienet tmexxi librerija ċkejkna minn fejn il-membri setgħu jissellfu l-kotba għall-gost u għar-riċerka. Ma jistax ikollok xirka mmirata lejn il-bżonnijiet u l-formazzjoni tal-istudenti, mingħajr ma tinkwadra l-ambjent tal-kotba. Dak kien żmien meta l-ktieb kien għadu l-uniku mezz ta' qari u riċerka. Din il-librerija kienet fl-ewwel kamra fuq ix-xellug, hekk kif tħares lejn il-binja tal-Oratorju. Kienet drawwa li s-seduti tal-kumitat tal-Għaqda kienu normalment isiru fil-librerija. Min jaf kemm qattajna sigħat mdawrin madwar il-mejda ċentrali niddiskutu u nippjanaw attivitajiet ta' kull xorta!

Matul is-snin, l-Għaqda rnexxielha takkwista għadd sostanzjali ta' kotba li kienu jinkludu rumanzi, enċiklopediji u manwali ta' diversi suġġetti skolastiċi, l-aktar l-Ingliż, il-matematika u x-xjenza. Naturalment, ma kinux jonqsu l-kotba b'tema reliġjuża. Kienu diversi l-benefatturi li minn żmien għal żmien taw donazzjonijiet ta' kotba b'risq il-librerija tal-Oratorju. Hekk insibu li fl-1966, is-Sur J. Walker, *First Secretary* tal-Ambaxxata Amerikana f'Malta, ppreżenta enċiklopedija ta' għoxrin volum u erba' *Year books* lill-GħSM (Camilleri, A., 1966: 5). Ftit tas-snin wara, l-istess Ambaxxata Amerikana ppreżentat għotja sabiħa ta' numru kbir ta' rivisti fi ħdan is-sensiela *National Geographic* li tant kienet popolari f'dik il-ħabta. Insibu wkoll lil Tony Muscat, rappreżentant tal-*Educational Enterprises*, li fl-1985 irregala sett komplut tal-*World Book Encyclopaedia* lil din il-librerija (*Il-Mosta*, 1985: 5). Imbagħad fl-1990 wara xogħol estensiv ta' riorganizzazzjoni u tisbiħ, il-librerija kienet miftuħa uffiċjalment mill-ġdid minn Dun Anġ fost il-preżenza numeruża tal-membri (Mario Vassallo, 1990: 6).

## Is-serata tal-Akkademja

Minkejja l-bosta attivitajiet matul il-kalendarju kollu, il-qofol tal-ħajja fi ħdan l-GħSM kien jintlaħaq ta' kull sena, normalment f'Jannar, meta kienet tkun imtellgħa l-Akkademja Annwali. L-iskop tagħha kien li tal-anqas darba fis-sena, il-membri flimkien mal-ġenituri, il-benefatturi u l-ħbieb tal-Oratorju, jiltaqgħu taħt saqaf wieħed għal serata ta' talent u premjazzjoni. L-aħwa Emidio u Alessio Scicluna (2015) spjegawli kif għal bidu din is-serata bdiet issir preċiżament f'jum il-festa ta' Tre Re, is-7 ta' Jannar, u kienet magħrufa bħala *Soiree Lyrique*. Fil-bidu tas-sittinijiet kienu jittellgħu siltiet bl-Ingliż mid-drammi ċelebri ta' William Shakespeare, ngħidu aħna,

- As You Like It ta' Shakespeare (1960),
- Julius Ceasar ta' Shakespeare (1961),
- *Hamlet* ta' Shakespeare (1962),
- *The Tempest* ta' Shakespeare (1963),
- *Henry V* ta' Shakespeare (1965),
- *Romeo and Juliet* ta' Shakespeare (1966),
- Joan of Arc ta' Bernard Shaw (1968).

Jimmy Mifsud ta' 72 sena u Alex Vella ta' 70 sena qaluli dwar l-esperjenzi tagħhom dwar dawn id-drammi bl-Ingliż.

> Konna nagħmlu d-drammi ta' Shakespeare. Dun Anġ kien kien dejjem jaddatta d-dramm li jkun magħżul għall-eżami tal-GCE tal-Ingliż fis-sena ta' wara. Per eżempju dis-sena *Othello* u s-sena d-dieħla *As You Like It*. Issa meta messni jien konna ħdimna l-*Merchant of Venice*. Kien mod ta' kif nitħabbu max-xogħlijiet ta' Shakespeare, intejbu l-pronunzjatura tal-Ingliż u fuq kollox iservi ta' għajnuna biex ngħaddu mill-eżami. Kien jaddathom, iqassarhom u jidderiġihom Dun Anġ stess. (Jimmy Mifsud, 2015)

> Peress li ma kienx permess li jitilgħu tfajliet fuq il-palk, Dun Anġ kien ħafna drabi jqabbad lili biex nagħmel il-parti femminili. Darba ħdimna *The Merchant of Venice* u lili qabbadni ninterpreta l-parti ta' Nerissa li tiġi l-qaddejja ta' Portia li kien ħadimha Leslie Agius. Niftakar li Karmnu Gatt tal-Kumpanija, li dak iż-żmien kien wieħed minna, kien qaxxar il-parti ta' Shylock, il-Lhudi. Darba oħra Dun Anġ għażilni biex nagħmilha ta' tfajla Persjana f'xena ta' *In a Persian Market* ta' Ketelbey. Konna armajna sett fuq il-palk b'ħafna kuluri biex nagħtu impressjoni ta' suq Persjan u ta' tfal li konna kienu għamluli żewġ lariġiet biex taparsi nibbozza sidri 'l barra, imma meta rani Dun Anġ f'malajr tneħħew iż-żewġ lariġiet! (Alex Vella, 2015)

Maż-żmien din l-attività kibret u l-GħSM kienet tkun megħjuna miż-żewġ għaqdiet l-oħra maġġuri tal-Oratorju, il-Ġuvintur Azzjoni Kattolika (ĠAK) u l-Kor Santa Ċeċilja. Fl-aqwa tagħha, is-serata akkademika kienet tiftaħ bid-diskorsi tal-okkażjoni mis-Segretarju tal-GħSM u mill-President tal-ĠAK, wara kien ikun imiss lill-membri tal-Kor biex ikantaw għadd ta' siltiet mużikali u mbagħad kienet tkun imtellgħa produzzjoni teatrali. Il-biċċa xogħol teatrali kienet tkun segwita minn produzzjoni oħra tal-*Pueris Cantores*, it-tfal tad-duttrina tal-Oratorju, u wara kienet issir il-premjazzjoni tal-istudenti u ż-żgħażagħ ħabrieka tal-GħSM, tal-ĠAK u tal-Kor. Dwar it-tqassim tal-kotba bħala apprezzament għax-xogħol imwettaq tul is-sena li tkun għaddiet, Tony Galea qalli hekk,

> Dun Anġ ma kienx xħiħ. Anki jekk ma attendejtx regolarment għal-laqgħat, imma għamilt xi ħaġa b'risq l-Oratorju, kien jara kif jagħmel biex jagħtik ktieb fl-Akkademja. Kienet ħaġa sabiħa li darba fis-sena ż-żgħażagħ jiltaqgħu mal-ġenituri fis-sala tal-Oratorju. (Tony Galea, 2015)

Niftakar lil Dun Anġ bi kburija, imma daqstant ieħor b'ħajta fixla, isejjaħ l-ismijiet minn fuq il-palk u aħna l-istudenti u 'l-kbar', ngħajtu, inċapċu u nħabbtu ma' kull isem. Fl-aħħar tal-premjazzjoni, konna ngħajtu għalenija 'Dun Anġ, Dun Anġ' biex nuru l-lealtà lejn dan is-saċerdot li ddedika ħajtu kollha għall-Oratorju tal-Mosta. Dan kien l-uniku mument meta l-atmosfera tal-akkademja ma tibqax iżjed serja u formali (dakinhar kulħadd kien ikun bil-ġlekk u l-ingravata), imma tinbidel fi briju li kien jinżel tajjeb mhux biss magħna l-membri, imma wkoll fost l-qraba u l-mistednin. Wara erba' sigħat, is-serata akkademika kienet tasal fi tmiemha bil-kant tal-Innu Malti.

Hawn ta' min jgħid kelma aktar fid-dettall fuq id-diversi produzzjonijiet teatrali li kienu jittellgħu waqt din is-serata akkademika. Produzzjonijiet li kienu jitolbu ħafna xogħol f'diversi oqsma relatati mal-palk, inkluż ir-reċtar, il-bini tas-settijiet, is-sistemi tad-dwal u l-ħoss, l-irtokk, il-kostumi u l-bqija. Kif għedna, għall-bidu kienu jsiru bċejjeċ ta' William Shakespeare, sakemm eventwalment bdew jittellgħu drammi sħaħ ta' kittieba internazzjonali maqlubin għall-Malti jew ta' kittieba rinomati Maltin. Tabella 12.4.1 tagħti lista kompleta ta' dawn id-drammi li baqgħu fil-memorja ta' ħafna mill-1970 'il quddiem.

**Tabella 12.4.1: Drammi mtellgħin waqt l-Akkademja annwali (1971-2002)**

| Isem tad-dramm/kummiedja | Isem tal-awtur | Sena |
|---|---|---|
| *Pip and the Convict* +<br>*Wenzu u Rożi* | Charles Dickens<br>L-avukat George Zammit | 1971 |
| *The Merchant of Venice* | William Shakespeare | 1972 |
| *As You Like It* | William Shakespeare | 1973 |
| *Il-Madonna Purtinara* +<br>*Macbeth* | Patri Ġużè Delia<br>William Shakespeare | 1974 |
| *Il-Fidwa tal-Bdiewa* | Ninu Cremona | 1975 |
| *Dehra mill-Pont* | Traduzzjoni minn Arthur Miller | 1976 |
| *Hamlet* bil-Malti | Traduzzjoni minn William Shakespeare | 1977 |
| *Oliver* | Musical b'lirika ta' Lionel Bart | 1978 |
| *It-Tliet Anġli* | Traduzzjoni minn drama Ingliża | 1979 |
| *La Locandiera* | Traduzzjoni ta' *commedia dell'arte* ta' Carlo Goldoni | 1980 |
| *Il-Ħuttaba* | Traduzzjoni minn Oscar Thornton | 1981 |
| *Dak l-Imgħarraq ta' Skapin* | Traduzzjoni ta' *commedia dell'arte* ta' Molierè | 1982 |
| *Kollox Jispiċċa b'Wiċċ il-Ġid* | Il-Kav. Julian Refalo Rapa | 1983 |
| *Meta Morna tal-Mellieħa* | Francis Ebejer | 1984 |
| *Hekk Sejra d-Dinja!* | Traduzzjoni mnebbħa mill-operetta *Così Fan Tutti* ta' Amadeus Mozart | 1985 |
| *Int Fejn Sejjer?* | Patri Ġwann Abela OFM | 1986 |

| | | |
|---|---|---|
| *Il-Qaddej ta' Żewġ Sidien* | Traduzzjoni ta' *commedia dell'arte* ta' Carlo Goldoni | 1987 |
| *Dawl fit-Tieqa* | Traduzzjoni ta' Joe Quattromani | 1988 |
| *Marċellino Ħobż u Nbid* | Adattament ta' George Tonna | 1989 |
| *Qalbiena* | Patri Ġwann Abela OFM | 1990 |
| *Anġela* | Traduzzjoni ta' Joe Fenech | 1991 |
| *Mill-Fidi r-Rebħa* | Edwin Vassallo | 1992 |
| *Bis-Sewwa Jew bid-Dnewwa* | Addattament ta' Frank Vella | 1993 |
| *U Għebet il-Hena* | Joe Gatt | 1994 |
| *It-Tajra li Ġiet Lura* | Alfred C. Sant | 1995 |
| *O Nazzareno* | Traduzzjoni ta' Anna Mendez Cordeiro | 1996 |
| *Il-Giddieb* | Traduzzjoni minn Joe Quattromani ta' *commedia dell'arte* ta' Carlo Goldoni | 1997 |
| *Il-Madonna Purtinara + Il-Kurċifiss tal-Wied* | Patri Ġużè Delia | 1998 |
| Ma hemmx rekords għal din is-sena | | 1999 |
| Qalb ta' Kampanjol | Alfred C. Sant | 2000 |
| Ħalla Jibku t-Telfa Tiegħu | Joe Quattromani | 2001 |

Tony Galea, bħala president tal-Istudenti, kien l-ewwel wieħed li dderieġa l-ewwel dramm ta' Shakespeare bil-Malti fl-1977. Għadu jiftakar tajjeb il-bawxata li kienet inqalgħet dakinhar tal-Akkademja f'dik is-sena,

> Kienet il-ġurnata tal-Akkademja u niftakar lil Dun Anġ jgħajjat daqs miġnun għax Joe Galea (it-Tintin) għadu jiżbogħ ix-xeni fuq il-palk, għaxar minuti qabel nifthu s-separju. Konna se ntellgħu l-*Hamlet*. Fuq is-sett bnejna speċi ta' torri u ġo fih konna qtajna forma ta' bajda kbira daqs bniedem, ksejnieha bil-filoxx u żbajnieha. Hekk stajna noħolqu l-effett tal-ispirtu tal-Hamlet billi nixegħlu bozza minn wara. Kienet idea inġenjuża ta' kif ħloqna dan l-effett. Imma konna ħallejna l-aħħar irtokki għall-aħħar minuta. 'Madonna, riħa ta' kolla se jxommu n-nies!', beda jgħajjat magħna x'ħin tela' jiċċekkjana nofs siegħa qabel nibdew. Konna nużaw il-kolla tal-mastrudaxxa li kont trid issaħħanha qabel tużaha u kienet tinten seba' pesti. Dun Anġ mar ġab biċċa inċens u tela' jinċensa l-palk biex forsi jnaqqas mill-intiena tal-kolla. (Tony Galea, 2015)

Ma kinitx l-unika tbaqbiqa li ħa Dun Anġ tul il-45 sena li damet tittella' s-serata akkademika fl-Oratorju għax il-praspar qatt ma kienu jonqsu! Illum nidħku meta naqrawhom jew niftakru fihom, imma fil-punt li ġraw ma kinux taż-żufjett għal Dun Anġ. Tony Galea rrakkontali ħafna minn dawn is-sitwazzjonijiet u għalkemm ammetta li lilu kien iġibu u kellu bħal 'sudizzjoni' minnu, imma ġieli qalagħha mingħandu. Se nġib tnejn oħra minn dawn il-bawxati,

Darb'oħra qlajt ħasla kbira għax għall-akkademja konna warrabnielu l-pjanu li kien hemm mar-ribalta tal-palk. Iddeċidejna li nitfgħuh fil-ġenb biex is-sett fuq il-palk jitgawda aħjar. F'daqqa u l-ħin jitfaċċa Dun Anġ u x'ħin ma rahx hemm sploda, "Tony, fejn huwa l-pjanu?". Għedtlu, 'Tfajnieh wara l-purtiera'. "Issa x'se tagħmlu?", staqsieni bil-ħatfa. U jien biex niċċajta għedtlu, 'Nagħmlu orgni minfloku, Dun Anġ'. Ma kinitx kelma għax beda jwerżaq, "Fifra tagħmel ibni, mhux orgni! Fifraaaaaaa!". Kienet se tgħaddih għax kellu bokka bil-pjanu li ma ngħidlekx!

Sena minnhom konna bnejna sett ta' kamra għal xi dramm tal-Akkademja u ridna niddubbaw purtiera. Tlajna fil-klassijiet ta' fuq, qlajnihielu waħda mill-purtieri u dendilnieha fuq il-palk. X'ħin ġie Dun Anġ instaram mill-ewwel. "Dik il-purtiera minn fejn ġibtuha?', għajat. 'Minn fuq, Dun Anġ!', irrispondieh wieħed minna. "Għax ma mortx qlajt t'ommok u dik ħallejtha fejn kienet!', esklama. Bit-twila u l-qasira l-purtiera baqgħet fuq il-palk u kif għaddiet il-*play* erġajna tellajnihielu mill-ewwel fuq. (Tony Galea, 2015)

Tibqa' għal dejjem stampata f'moħħ il-membri l-i*standing ovation* li kien tana d-drammaturgu ċelebri Francis Ebejer (1925-1993) wara li attenda għall-Akkademja ta' nhar il-Ħadd, 4 ta' Marzu 1984, meta tellajna d-dramm tiegħu *Meta Morna tal-Mellieħa*. Kien hu l-ewwel li qam iċapċap minn fuq is-siġġu ta' quddiem fil-filliera tan-nofs tat-teatru, u mbagħad miegħu qamu l-bqija tal-erba' mitt ruħ li kienu ppakkjaw il-kumplament tas-sala u l-gallerija. Aktar tard huwa kien kiteb ittra ta' apprezzament lil Dun Anġ u qallu hekk,

> Ingħidha mill-ewwel – kienet serata mill-isbaħ: l-arja ta' festa; l-udjenza numeruża u apprezzativa; l-entużjażmu tat-tfal u tal-organizzaturi, id-dwal, il-fjuri, il-premjijiet sbieħ, il-mużika, u mbagħad ir-reċtar tajjeb ferm ta' dawn iż-żgħażagħ bravi Mostin li mhux darba jew tnejn waqt id-dramm irnexxielhom jagħtuni l-illużjoni li d-dramm kont qiegħed narah għall-ewwel darba – sinjal tajjeb. Xejn ma domt biex intbaħt kemm xogħol iebes u serju kien sar minn dawn l-istudenti-artisti taħt it-treġija ta' Tony Galea. (Francis Ebejer, 1985: 14)

Kienet tradizzjoni li din l-attività annwali tal-GħSM tkun taħt il-patroċinju ta' xi personalità distinta. Minbarra l-arċipriet u l-kleru tal-Mosta, mhux l-ewwel darba li attenda xi ambaxxatur, ministru tal-Gvern, deputat parlamentari, l-awtur tad-dramm jekk ikun ħaj jew saħansitra l-arċisqof; u li mbagħad kien ikun mistieden biex jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni u jippreżenta l-kotba lill-membri ħabrieka minn fuq il-palk. Nhar il-Ħadd 22 ta' Frar 1981, l-Akkademja kienet ppreseduta minn Monsinjur Ġużeppi Mercieca u dakinhar waqt diskorsu kien qal hekk,

> Nirringrazzja lill-ġenituri talli qegħdin jibagħtu t-tfal fl-Oratorju; ma nafx kif ser nirringrazzja liż-żgħażagħ. Nirringrazzjakom mill-qalb għax intom ħmira ġdida għas-soċjetà tagħna… Jonqosna biss kemm nagħmlu ftit kuraġġ u t-tajjeb tagħna nxerrduh bil-karità ma' ħaddieħor… Żommu din l-għaqda, l-Għaqda Studenti, għaliex ingħidilkom id-dritt, ħa noħroġ minn hawn kuntent, sodisfatt illi hawn ħafna żgħażagħ, irġiel u nisa li qegħdin taħt il-protezzjoni tal-Madonna (*Il-Mosta* 94, 1981: 12).

## Konklużjoni

Din kienet il-ħajja kkulurita u attiva fi ħdan l-Għaqda Studenti Mostin. Ħajja li bdiet fl-1958 u baqgħet sejra sal-bidu tas-snin elfejn. Ħajja mimlija avventuri tal-addoloxxenza u taż-żgħożija. Ħajja mwieżna bit-talenti, l-għerf u l-valuri t-tajba. Ħajja mżewqa b'kurdun attivitajiet matul is-sena kollha: sports, drama, kultura u formazzjoni. Kull min mess ma' din l-għaqda, jitkellem bl-akbar stima fuq il-ġid kbir li rċieva. Ġid li jissarraf f'ħajja mogħnija b'sens qawwi spiritwali u ċiviku li huwa s-sies tal-maturità u s-sens fil-ħsieb ta' kull għemil. L-għaqda tal-istudenti segwiet il-proċess naturali tal-ħajja. Inżergħet fl-1958 u baqgħet tikber, tfannad u xxettel friegħi ġodda fis-snin ta' wara, sakemm saħħet is-saċerdot li indokraha sa mill-bidu bdiet tmajna. Meta Dun Anġ għekes taħt il-madmad tas-snin u l-mard, hekk ukoll għekset l-GħSM. Il-katekist irtirat Paul Abela qalli li,

> Meta kien rikoverat fid-Dar tal-Kleru, Dun Anġ talabni nkompli bil-laqgħat tal-Għaqda Studenti Mostin nhar ta' Ħadd filgħodu. Dun Anġ kellu lil din l-għaqda marbuta wisq ma' qalbu. U jien kont bdejt immur, kif qalli. Għall-ewwel kien ikollna attendenza regolari, imma mbagħad bdejt nara li n-numru kien qed jonqos sew ma' kull darba. Fl-aħħar skoprejt li kienu bdew isiru laqgħat simili għall-istudenti fiċ-Ċentru Pastorali ta' Sant Andrija kull nhar ta' Sibt waranofsinhar. Dik kienet id-daqqa tal-mewt għal-laqgħat tal-istudenti fl-Oratorju. (Paul Abela, 2015)

Għalkemm illum l-GħSM m'għadhiex aktar magħna, imma l-ġid li għamlet għadu jiffjorixxi fil-ħajjiet ta' diversi eks membri tagħha li llum stabbilew ruħhom bħala 'saċerdoti, għalliema u professuri fl-iskejjel u fl-Università, nies ta' sengħa u ħaddiema ħabrieka, barra għadd sabiħ ta' missirijiet li qed jagħtu kontribut siewi lis-soċjetà Maltija (*Il-Mosta*, 1998: 3).



Iż-żgħażagħ tal-Oratorju fil-festa ta' Santa Marija 1985 meta l-mistieden speċjali għall-festa tal-parroċċa ta' dik is-sena kien l-Isqof ta' Chelmno fil-Polonja, l-E.T. Mons. Mariano Przykucki. Huwa żar l-Oratorju fejn narawh flimkien mal-arċipriet Dun Joe Carabott u Dun Anġ.



Il-famuża ġirja ta' żewġ dawriet mal-grawnd bil-bandiera tal-Mosta, qabel tittella' mal-antarjol biex tibqa' hemm sakemm jintemm l-isports festival, is-Sibt ta' lejlet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-Oratorju.



Il-*puzzle race* waqt ir-*rally* tal-isports lejlet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Oratorju. Min jgħaqqad l-istampa l-ewwel, jaħrab jiġri u jekk jasal l-ewwel jew it-tieni, imur lejn id-dar b'kaxxa pasti!



It-tlielaq akkaniti waqt l-*isports rally* tal-festa tal-Oratorju. Dan ir-ritratt huwa meħud fl-1981. Jidhru wkoll l-irjus tal-iljunfanti fil-kartapesta li kienu jintlibsu waqt l-*Elefphant Race*.



It-tim tal-futbol tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika nhar il-11 t'April 1982. Dakinhar iżżanżnu gerijiet vjola għall-ewwel darba. Kienu swew Lm48 (€112).



Waqt is-*Summer Project* tal-1982 organizzat mill-Għaqda Studenti Mostin meta l-*leader* kien Joe Buhagiar, li aktar tard kien ordnat saċerdot. It-tfal jinsabu biswit il-kmamar tad-duttrina ta' fuq il-lemin fejn Dun Anġ kien ħolom li jagħmel *rock and cactus garden* fil-kuritur għall-apert.



Ix-xalata lejn Kemmuna l-għada tal-festa ta' Santa Marija. Dun Anġ, liebes qmis kaħla iċċangjata, jidher maġenb it-tmunier tal-luzzu mimli sa ruħ ommu. Ir-ritratt ittieħed fl-1986.



Waqt *live-in* fis-Sajf fl-1982, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika fid-dar taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara f'San Pawl il-Baħar. Min jaf kemm kienu jsiru 'kummiedji' u 'fares' tul dawn il-jiem bogħod mid-dar!



Waqt waħda mill-ħarġiet matul is-*summer school* tal-1986. Kulħadd armat bil-basket mimli ħobż, xorb u xi biċċa ċikkulata ma tonqosx.



Fl-1983, Edwin Vassallo u Reuben Caruana, żewġ żgħażagħ Oratorjani waqqfu l-Grupp Talent Mosti bl-iskop li jispeċjalizzaw fuq it-teatru b'messaġġ nisrani. Għall-festa ta' Santa Marija tal-1984 dan il-grupp tella' l-ewwel *pageant* fuq iz-zuntier tar-Rotunda, bl-isem *L-Omm li Tħobb*. Kien jirrakkonta l-istorja tal-Verġni Mqaddsa.



Xena mid-dramm *Il-Fidwa*, produzzjoni ta' Talent Mosti tal-1985, imtella' fir-Rotunda. Joe Bartolo (Ta' Spir) narawh fil-parti ta' Ġesù. Id-drammi tal-passjoni għandhom tradizzjoni antika fl-Oratorju tant li ilhom jinħadmu għal dawn l-aħħar 100 sena.



Waqt il-*commedia dell'arte*, *Dak l-Imgħarraq ta' Skapin*, miktuba minn Moliere. Din ittellgħet għall-akkademja tal-1982. Mix-xellug: Joe Buhagiar (illum saċerdot), Pawlu Schembri fil-parti ta' Skapin u Reuben Caruana.



Il-kast mad-direttur artistiku, Joe Quattromani, fi tmiem id-dramm, *Int Fejn Sejjer?* ta' Patri Ġwann Abela. Dan id-dramm imsejjes fuq il-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi ttella' fil-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika fil-Mosta (1936-1986).



Waqt *prayer meeting* fuq iz-zuntier tal-Oratorju fl-1983. Iz-zuntier spazjuż tal-Oratorju minn dejjem serva ta' riżorsa tajba biex iż-żgħażagħ Mostin setgħu jesternaw l-attivitajiet tagħhom.



Il-kor Santa Ċeċilja waqt is-serata akkademika tal-1987. Taħt ir-ribaltà jidher Maestro Joe Gatt (dahru lejnna) jidderieġi l-orkestra quddiem platea mimlija nies.



Xena mill-operetta, Hekk Sejra d-Dinja!, li ttellgħet fuq il-palk tal-Oratorju nhar l-Akkademja tal-1985. Mix-xellug: Maria Vella, George Muscat, Louis Vassallo, Mario Fenech, Marvic Camilleri u Joe Buhagiar (illum saċerdot).



Il-kamp tas-sajf fl-Għadira, il-Mellieħa, f'Awwissu 1982. Fost oħrajn jidhru l-kaxxier Raymond Grech (bilqiegħda) u Joseph Barbieri (it-tielet mix-xellug bilwieqfa). Dawn il-kampijiet kienu popolari ferm maż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika.



It-tfal waqt il-kompetizzjoni tal-pannina u l-*kinnie* fl-isports festival tal-Qalb ta' Ġesù fl-1980. Min jiekol u jixrob l-ewwel, jaħrab jiġri saż-żigarella fejn isib lil Dun Anġ lest biex jippremjah tal-bravura!



Għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-Oratorju kienu popolari l-famużi diskos fuq iz-zuntier. Kien ikun hemm ħafna żgħażagħ Mostin u mhumiex. Kienu jsiru s-Sibt u l-Ħadd flgħaxija. Dan ir-ritatt ittieħed waqt id-disko tal-festa tal-1989.




Il-Ġimgħa ta' qabel il-festa tal-Qalb ta' Ġesù kien jittella' ta' kull sena l-festival taż-żgħażagħ fuq iz-zuntier b'għadd ta' talenti fosthom drama, żfin u kant. Hawn naraw lil Patri Karm Debattista (fin-nofs bil-kitarra) flimkien ma' membri oħra tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl waqt wieħed minn dawn il-festivals fl-1983.



Xena ta' farsa mtella' waqt il-festival taż-żgħażagħ għall-festa tal-1984. Dik is-sena ħabtet is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ u għalhekk jidher il-logo uffiċjali tal-Ġnus Magħquda fuq iz-zuntier tal-Oratorju. Din kienet tkun attività ta' talent imfittxija ħafna mill-Mostin.



L-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca waqt żjara fl-Oratorju meta kellu ċ-ċans li jiltaqa' ma' xi old boys fl-1993. Mix-xellug: Charlie Magri, John Magri, Joe Quattromani u Jimmy Gatt.



Il-purċissjoni tradizzjonali bl-istatwa ta' San Domenico Savio, xogħol tal-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri. L-istatwa tidher merfugħa minn membri tal-kumitat tal-Għaqda Studenti Mostin fl-1979. Fuq quddiem jidhru Joe Gatt (xellug) u Manwel Cassar (lemin).



Iż-żgħażagħ tal-Oratorju mdawrin bit-tfal tal-Istitut tal-Orsolini fi G'Mangia nhar is-7 ta' Ġunju 1989. L-Oratorjani kienu jagħmlu ġurnata xogħol volontarju f'dawn it-tip ta' istituti u dejjem kienu jsibu l-ħin biex jilagħbu mat-tfal ċkejknin.



Ħarġa għat-tfal tas-*Summer Project* tal-1991 meta żaru l-istamperija tal-Knisja fil-Blata l-Bajda. Hawn naraw wieħed mill-ġurnalisti ta' *Il-ĠENS*, li kienet il-gazzetta stampata uffiċjalment mill-Knisja f'dik il-ħabta, jispjega x-xogħol relatat mal-istamperija.



Agnes Falzon waqt waħda mil-lezzjonijiet tal-katekiżmu fl-1991. It-tfal kienu għadhom kif żanżnu l-imwejjed u s-siġġijiet il-ġodda mixtrija mill-amministrazzjoni tal-Oratorju.



Miriam Porter waqt lezzjoni tal-katekiżmu fl-1991. Miriam ilha għal dawn l-aħħar 48 sena involuta bħala katekista fl-Oratorju. Il-katekisti kollha ħaqqhom l-apprezzament ta' kulħadd għax tassew jagħmlu xogħol siewi u b'mod volontarju.



Il-Pueris Cantores waqt il-pageant intitolat, Il-*Papa Dalwaqt Fostna*, li kien ittella' bħala parti mill-akkademja tal-1990. F'Mejju tal-istess sena l-Papa Ġwanni Pawlu II wettaq l-ewwel żjara f'Malta u ħafna minna għadhom jiftakru kif għaddewh sparat mill-Mosta fi triqtu lejn is-Santwarju tal-Mellieħa!




Raymond Sammut u Carol Brewer jidhru jippreżentaw il-*Fashion Show* tal-1993 fuq il-palk tal-Oratorju. Warajhom jidhru diversi mudelli bl-ilbiesi tat-tieġ. Żgur li din kienet waħda mill-innovazzjonijiet fil-*fashion show* ta' dik is-sena. Id-disinn tas-sett kien f'idejn Louis Vassallo.



It-tfal tad-duttrina fil-klassi ta' Tessie Pisani qabel ir-reċta tal-Milied tal-1994.



L-istatwetta ta' Santa Marija tal-Oratorju.



Il-kappella mburġata bit-tfal waqt il-quddiesa speċjali tal-Milied fl-1995. It-tifel tal-prietka, biswit il-Bambin tal-Oratorju, jidher bilwieqfa fuq mejda biex ikun jista' jarah kulħadd. Il-katekist Paul Abela kien jgħallem il-prietka lit-tifel magħżul tal-Oratorju ta' kull Milied.

# 12.5

# Il-Kor Santa Ċeċilja

Il-bżonn li fil-Mosta jkun hemm kor parrokkjali fuq bażi regolari u stabbli biex janima u jsebbaħ il-funzjonijiet liturġiċi kien ilu jinħass. Ibda biex, il-kant huwa forma ta' talb fih innifsu għax, kif insibu miktub fis-salm 150,

> Faħħru 'l Alla fit-tempju mqaddes tiegħu,
> Faħħruh bid-daqq tat-tromba,
> faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra!
> Faħħruh bit-tanbur u biż-żfin,
> faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar!
> Faħħruh bid-daqq qawwi taċ-ċimbali,
> Kull ma jieħu n-nifs, ħa jfaħħar lill-Mulej!

## L-ewwel żerrigħat

Għal dan il-għan fis-sena 1958 Dun Anġ beda jħarreġ fil-kant għadd ġmielu ta' tfal subien u ġuvnotti li kienu jiffrekwentaw l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Elizabeth Micallef tgħid li 'Dun Anġ kien spiss jgħidilna li l-kor twaqqaf f'Ħamis ix-Xirka' (2008: 31). Dan kienu l-ewwel żerrigħat fil-formazzjoni tal-Kor Santa Ċeċilja. Charles J. Falzon li kien idoqq il-pjanu ma' Dun Anġ fl-ewwel snin tal-kor jgħid li,

> Bdejna nipparteċipaw fil-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi nkantaw is-seba' kelmiet. F'dak iż-żmien, fil-Ġimgħa l-Kbira, fil-Knisja ma kienx permess li jindaqq orgni. Kont immur fuq l-armonju biex nagħtihom l-ewwel nota biss. Ma stajtx nakkompanja il-kant bil-mużika. Imbagħad f'Sibt il-Glorja jindaqq kollox u jdoqqu l-qniepen kollha. F'okkażjonijiet oħrajn konna nkantaw ukoll biċċiet popolari ta' opri liriċi, bħal *Va Pensiero* u xi siltiet oħra minn *La Triavata*. (C.J. Falzon, 2015)

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
LIBRARY SERVICES

Dawn l-esperjenzi kienu l-bidu tal-kor parrokkjali li sal-lum għadu jġib l-isem ta' Kor Santa Ċeċilja, titlu marbut ma' isem il-protettriċi tal-mużiċisti. Joe Fenech ta' 58 sena għad għandu ċar f'moħħu t-tifkira ta' meta Dun Anġ beda biex jagħżel l-ewwel subien għall-kor,

> Kien ġabarna fis-sala ħalli jagħmlilna l-ewwel prova u hekk jagħżel it-tajbin minna. Aħna konna entużjasti, mingħalina li konna lkoll koristi tal-prima. U bdejna... Dun Anġ fuq il-pjanu jdoqq id-DO RE MI u jgħajtilna wieħed wieħed ħalli nkantawhielu. Meta mess lili, Dun Anġ ma kienx impressjonant bil-vuċi tiegħu. Qabad żewġ ħelwiet minn ġos-suttana u tahomli, imbagħad qalli, 'Mur għand ommok, sabiħ!'. L-avventura tiegħi fil-kor bdiet u spiċċat f'temp ta' nofs siegħa! (Joe Fenech, 2015)

L-aħwa Emidio u Alessio Scicluna (2015) qaluli li Dun Anġ kien mar jitgħallem il-lezzjonijiet bażiċi tal-pjanu għand Dun Karm Xerri tan-Naxxar, apposta biex ikun jista' jmexxi l-kor li ħoloq. Ma damx ma beda jinħass il-bżonn li tiżdied is-sezzjoni femminili. Għalhekk fil-bidu tas-sittinijiet il-Kor fetaħ il-bieb għat-tfajliet ukoll. Għalkemm is-sede tal-Kor baqgħet dejjem fl-Oratorju, fil-bidu, is-sezzjoni femminili kienet titħarreġ fil-kunvent tas-sorijiet Agostinjani fil-Mosta stess taħt Suor Benjamina Portelli. It-tfajliet u l-ġuvintur kienu mbagħad jiltaqgħu flimkien fil-kor tal-Knisja kull nhar ta' Ħadd għall-animazzjoni tal-quddiesa. Kien għadu żmien is-separazzjoni netta bejn is-sessi fiċ-ċentri reliġjużi, imma maż-żmien din il-prattika nbidlet u l-membri tal-kor, femminili u maskili, bdew jiltaqgħu lkoll flimkien fl-Oratorju. Permezz ta' dan l-iżvilupp fil-Kor Santa Ċeċilja, il-preżenza tat-tfajliet kienet ġiet formalment awtorizzata fl-Oratorju tas-subien, tal-anqas f'dawk il-ġranet u ħinijiet li matulhom kienu jsiru l-provi tal-kant. Però għal diversi snin, Dun Anġ xorta rnexxielu jżomm l-ispazju tal-ġuvintur mifrud minn dak tat-tfjaliet,

> Għal bidu konna nidħlu mir-rixtellu tan-nofs, niksru mill-ewwel għall-kuritur tal-grawnd u nidħlu fil-kamra fejn konna nagħmlu l-provi. Lanqas meta kien jaqbadna l-għatx ma stajna mmorru n-naħa tal-*youth centre* biex nixtru flixkun luminata. Dun Anġ kien iqabbad tifel u kien jgħidlu, '*Boy*, għandhom l-għatx il-*girls*! Ara xi jridu u mur ixtrilhom mill-bar'. Konna nagħtuh il-flus u jixtrilna t-tifel. Lanqas stajna naqsmu minn wara l-kappella biex immorru fejn kien ikun hemm il-ġuvintur. Għal bidu konna niżgiċċawlu, imbagħad iż-żminijiet inbidlu, u bdejna nidħlu fil-*youth centre area* bla restrizzjonijiet. (Marthese Cassia, 2015)

## Sehem fil-parroċċa u lil hinn minnha

Maestro Victor Zammit, li kien ukoll surmast direttur tal-Banda Nicolò Isouard, kien imexxi l-Kor fl-ewwel snin. Kellu jgħinu lil Ġeraldu Magri, sakemm Zammit ħa f'idejh it-tmun peress li Magri kien magħfus biż-żmien. Ġeraldu Magri kien vjolinist mal-ewwel orkestra parrokkjali taħt it-Titlu *Maria Assunta* li kif rajna f'kapitlu 4 kienet twaqqfet fl-Oratorju fis-snin għoxrin.

Il-kor kien jieħu ħsiebu Maestro Victor Zammit li f'dak iż-żmien kellu x'jaqsam mal-grupp tal-*accordian* li kienu jiltaqgħu għand is-sorijiet ta' Santa Monika. Meta spiċċa Zammit, daħal Ġerardu Magri li kien l-organista tar-Rotunda. Dan kien joqgħod quddiem l-Oratorju u naturalment kien faċli għalih li jaqsam il-pjazza u jiġi jgħallimna bħala kor fl-Oratorju. U wara Magri daħal fix-xena Edwin Zammit [ħu Victor] li huwa l-organista u jmexxi l-Kor Santa Ċeċilja, kif għadu jagħmel sal-ġurnata tal-lum. (Manwel D Schembri, 2015)

Meta tkellimt mal-Maestro preżenti, li inċidentalment huwa wkoll l-organista tal-knisja arċipretali, Edwin Zammit, qalli li ilu jmexxi l-kor Santa Ċeċilja mill-1979, jiġifieri 37 sena sħaħ. Tista' tgħid ilu għomor iġorr din ir-responsabbiltà. Kull min jaf lil Mast, jaf kemm huwa raġel umli. Ta' ftit kliem u meta jitkellem trid twaqqaf widnejk sew għax leħnu baxx. B'danakollu ħafif biex jitbissem u, fuq kollox, dejjem kalm u meqjus fi kliemu u azzjonitu. Nies bħalu għandhom jitqiesu bħala kolonna tal-volontarjat, l-appostolat u l-identità parrokkjali. Ilkoll kemm aħna għandna nħossuna grati u midjunin lejn il-Maestro Edwin Zammit u nies oħrajn tal-qatgħa tiegħu.

Fil-fatt ma' Maestro Zammit nistgħu nsemmu xi talin oħrajn li taw kontribut twil u sfiq b'risq il-kor tal-Oratorju li huwa wkoll il-kor tal-parroċċa. Fost oħrajn jiġuna f'moħħna Charlie Sant, Dr Josette Farrugia u Dun Edgar Vella għamlu diversi snin bħala *leaders* tal-kor mis-snin tmenin 'il quddiem. Il-Kor, b'mod partikolari, jieħu sehem fil-funzjonijiet prinċipali fil-knisja arċipretali tal-Mosta, ibda minn Ħadd il-Palm sal-Għid il-Kbir, *Corpus Christi*, il-Qalb ta' Ġesù, Santa Marija u l-Milied. Dan minbarra s-sehem f'diversi okkażjonijiet speċjali oħrajn, ngħidu aħna anniversarji parrokkjali, *primi messi* ta' saċerdoti novelli, żwiġijiet u funerali. Okkażjoni speċjali ġrat fl-1997 meta l-parroċċa ferħet bl-ordinazzjoni saċerdotali ta' erba' żgħażagħ Mostin: Ruben Deguara, Joseph Grech, Gerald John Micallef u Joseph Sciberras. Din mhix ħaġa komuni, partikularment fi żmienna, meta l-vokazzjonijiet reliġjużi qegħdin jinżlu u mhux jiżdiedu. Fis-sajf ta' dik is-sena, il-Kor kanta fl-ewwel quddiesa ta' kull saċerdot, minbarra f'serata festiva apposta li kienet saret fit-teatru tal-Oratorju fis-26 ta' Ġunju 1997 bis-sehem attiv tal-għaqdiet reliġjużi kollha li joperaw fil-parroċċa (Fenech, 1998: 165). Madankollu ċ-ċelebrazzjoni l-aktar klassika għall-Kor fil-parroċċa kienet waqt il-festi tal-inkurunazzjoni fl-1975.

Iżda żgur li l-aktar sena memorabbli għall-Kor kienet l-1975, is-sena tal-inkurunazzjoni solenni tal-kwadru tal-Assunta meqjum fis-santwarju Rotunda tal-Mosta. Il-Kor kanta fil-quddiesa ta' ringrazzjament meta wasal id-digriet tal-inkurunazzjoni nhar il-Ġimgħa 15 ta' Frar 1974 u kien il-kor li beda applaws li riegħed ir-Rotunda hekk kif inqara d-digriet tal-Papa. [Dak iż-żmien ma kinitx ħaġa normali li jsir ċapċip fil-knejjes.] Imbagħad fil-festi tal-inkurunazzjoni ta sehmu mill-bidu sal-aħħar, u l-kant fil-lejl memorabbli Marjan u dakinhar tal-inkurunazzjoni niżlu b'ittri tad-deheb fid-djarju tal-Kor. Ħa sehem ukoll fil-quddiesa pontifikali nhar Santa Marija mill-Kardinal Corrado Ursi (Manwel D. Schembri, 1986: 327).

Matul is-snin il-membri tal-Kor kienu mitluba jagħtu s-servizzi tagħhom lil hinn mill-parroċċa. Għal aktar minn għaxar snin huma kienu jkunu mistiedna biex ikantaw

fit-Tridu, f'lejlet u nhar il-festa tal-Madonna tal-Abbandunati ċċelebrata f'nofs Lulju fl-irħajjel kwiet tal-Wardija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar (Fenech, 1997: 17). Din tkun okkażjoni ferm mistennija għax il-kor ikun imsieħeb mill-Banda ta' San Pawl il-Baħar waqt il-kant tal-Ave Maria u l-Innu tal-Madonna tal-Abbandunati. Impenn ieħor tal-Kor huwa li jipparteċipa f'waħda mill-quddies tan-novena tal-festa ta' Marija Bambina tan-Naxxar. Fil-festa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop, il-Kor Santa Ċeċilja jkanta l-Innu ta' San Leonardu flimkien mal-banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ. Sar appuntament regolari li fis-6 ta' Novembru, fil-festa liturġika ta' San Leonardo, il-kor jerħilha għal Ħal Kirkop biex ikanta għall-quddiesa ferm mistennija mid-devoti Koppini (Micallef, 2002: 16).

## Fuq il-Fosos mal-Papa

Minbarra l-festi tal-irħula f'ġieħ il-qaddisin patruni, kien hemm drabi meta l-Kor ikun mistieden biex jipparteċipa f'attivitajiet nazzjonali. Tibqa' tissemma l-quddiesa l-kbira kkonċelebrata fuq il-Fosos tal-Furjana nhar is-27 ta' Mejju 1990 meta kkonċelebra l-Qdusija Tiegħu Papa Ġwanni Pawlu II. Għal din l-okkażjoni, l-organizzaturi ħasbu li jgħaqqdu megakor b'aktar minn 800 vuċi billi jintegraw diversi korijiet parrokkjali minn madwar Malta u Għawdex. Il-Kor Santa Ċeċilja kien wieħed minnhom,

> Kien għadu kemm daħal Dun Edgar Vella biex jagħti nifs ġdid lill-Kor. Darba minnhom tana l-aħbar li ried idaħħalna mal-kor nazzjonali li kellu jkanta fil-quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos. Qalilna, 'Irridu nistinkaw u nieħdu sehem, imma rridu nintgħażlu'. U bdejna bil-kunċerti. Kien żmien sabiħ ħafna. Imbagħad ġie xi ħadd imqabbad mill-kurja biex jismagħna u konna ntgħażilna. Konna fraħna immens. Ġaladarba ntgħażilna, konna ridna nibdew immorru fil-knisja ċentrali tal-Museum fil-Blata l-Bajda biex nagħmlu l-provi flimkien mal-korijiet l-oħra. Konna nkunu aktar minn 800 ruħ kollha flimkien. Ma ninsewha qatt. (Marthese Cassia, 2015)

Wara l-quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos, il-kor kompla jikber u jattira iżjed membri ġodda. Elizabeth Micallef, attivista fil-Kor għal diversi snin, tirrakkonta kif tħabbet ma' din l-għaqda,

> Ta' tifla li kont, meta kont ninzerta quddiesa kantata mill-kor li jkun fil-gallerija tal-orgni [fir-Rotunda], kont naffaxxina ruħi għall-ħoss kemm tal-orgni kif ukoll tal-koristi. Forsi bħal ħafna nies oħra kont nistaqsi bejni u bejn ruħi, 'Min huma dawn in-nies?', 'X'jismu l-kor?' jew 'Min jaf kemm huma bravi fil-mużika!' Malajr qtajt il-kurżità għax ħabibti kienet saret membru tal-kor u għalhekk tħajjart biex insir membru anki jien fil-Kor Santa Ċeċilja (Micallef, 2001: 16).

## Mhux mużika u kant biss

Bħala grupp ħabrieki fi ħdan l-Oratorju, il-Kor kemm-il darba organizza attivitajiet oħrajn li permezz tagħhom ġabar fondi b'risq proġetti tal-istess kor, ngħidu aħna x-xiri ta' uniformijiet u leġiji ġodda. Għal diversi snin kien jorganizza l-Fiera ta' Jum l-Omm fil-grawnd tal-Oratorju fejn ma kinux jonqsu l-istands tal-pjanti, il-*bazaar* u x-xorti mar-raddiena tal-lotterija! F'nofs is-snin tmenin u d-disgħinijiet ttellgħu numru ta' *fashion shows* fis-sala tal-Oratorju mhux daqstant bl-iskop li jinġabru l-flus, daqskemm 'biex iressqu aktar tfajliet u ġuvintur lejn il-Kor' (*Il-Mosta* 117, 1985: 3). Minbarra 'l-mudelli', kien ikun hemm ukoll żfin, *ballet*, ġinnastika u kollox jintemm b'xi skeċċ ta' farsa. L-aħwa Raymond u Charlie Sammut, Joseph Bezzina u Carol Brewer kienu l-imħuħ prinċipali wara dawn it-tip ta' serati varjati. Il-programm ta' waħda minn dawn is-serati fl-1986 kien kompost kif ġej,

> Il-programm beda b'żifna *Chariots of Fire*, segwita minn preżentazzjoni ta' lbies *casual*. Inżifnet żifna oħra, *break dance*, qabel preżentazzjonijiet ta' moda *cocktail*, oħra tat-tfal u fl-aħħar *elegance*. Żifniet oħra inkludew siltiet mill-musical *Oliver Twist*. Is-serata għalqet bil-farsa *Viva t-Tifla tal-Imgħallem!* 'Il fuq minn tmenin ruħ ħadu sehem. (*Il-Mosta* 119, 1986: 7)

## Namur u żwiġijiet

Is-sinerġija bejn il-ġuvintur u t-tfajliet ma sservix biss ta' batterija ta' ideat, ħidma u attivitajiet, imma wkoll ta' kalamita għan-namur. Fil-fatt kien hemm għadd ta' koppji li ltaqgħu fl-Oratorju, inġibdu lejn xulxin, iżżewġu u bnew familja. Ħafna drabi t-tfajla tkun tiffrekwenta l-Kor, waqt li l-ġuvni jkun membru tal-Azzjoni Kattolika. U bejn ħarsa bis-serqa, laqgħa aktar intima xi mkien bil-moħbi ta' sħabhom u ħaġa ġġib lil oħra sakemm imħabbithom twassalhom sa fuq l-artal. F'dan il-kuntest, jiġuni f'moħħi l-koppji Jimmy u Marianne Grech, Manwel u Dorothy Schembri, Mario u Doris Fenech, Mario u Marvic Attard, Jimmy u Elizabeth Chetcuti, Stephen u Debbie Mariani, u Alfred u Marthese Cassia li lkoll laqqagħhom u żewwiġhom l-Oratorju! Dorothy Schembri kellmitni dwar kif l-Oratorju ġabha wiċċ imb'wiċċ ma' Manwel li kellu jkun ikun is-sieħeb tagħha għal dejjem fiż-żwieġ,

> Iltqajna l-Oratorju ħdejn il-gwardarobba ta' Dun Anġ fejn kellna l-karti tal-kor. Jien kont membru tal-Kor u Manwel kien ukoll, minbarra li kien imdaħħal fl-Azzjoni Kattolika wkoll. Il-gwardarobba kienet taħt it-taraġ li jagħti għall-klassijiet tad-duttrina tan-naħa tal-lemin. L-ewwel introduzzjoni għal xulxin hemm saret. Kienet is-sena 1970. Kien Dun Anġ li żewwiġna u aktar tard għammdilna l-ewwel tarbija. Kien tifel jismu Luciano li l-Bambin għoġbu jieħdu meta kellu biss disa' xhur. (Dorothy Schembri)

Il-koppja Cassia kienet speċjali peress li żżewġu meta t-tnejn kienu għadhom jokkupaw karigi fl-Oratorju, Alfred President tal-Azzjoni u Marthese Segretarja tal-Kor,

> Aħna ltqajna fl-Oratorju fl-1983. Kien żmien meta aħna t-tfajliet konna għadna ma tantx nersqu lejn in-naħa tal-*youth centre* fejn kien ikun hemm il-ġuvintur. Imma Freddie, biex seta' jkun aktar qrib tiegħi, daħal fil-kor biex Dun Anġ ma jgħidlu xejn jekk jinzerta ħdejja. Konna nkunu flimkien waqt il-provi u anki waqt il-kant fil-quddies. F'dak iż-żmien il-Kor kien ikun imqabbad biex ikanta waqt il-quddies tat-tiġijiet. Il-Kor kien jaqla' Lm7 [€16.28] għal tieġ! Ġieli laħaq kellna żewġ tiġijiet wara xulxin s-sibt filgħaxija u konna nagħmlu nofstanhar sħiħ fil-knisja. Imma bi Freddie ħdejja ma kontx narah il-ħin. F'dik il-ħabta ma kellniex il-permess biex indumu barra, allura l-Kor u l-Oratorju kienu raġuni tajba biex inkunu flimkien għal ħinijiet twal. Wara li dħalna għarajjes, iżżewwiġna fl-1992 u żewwiġna Dun Anġ stess fil-kappella tal-Oratorju. Konna krejna kowċ għax għat-tieġ stedinna l-membri kollha tal-Oratorju. (Marthese u Freddie Cassia, 2015)

## Il-ħidma tkompli

Illum il-Kor Santa Ċeċilja jilqa' fi ħdanu kemm irġiel u nisa miżżewġa, kif ukoll ġuvintur u tfajliet. Ilkoll bl-isfond soċjali tagħhom: min professjonist, min ħaddiem tal-id, oħrajn studenti u nisa tad-djar, imma kollha b'għan komuni wieħed: li jagħtu servizz xieraq fil-parroċċa u lil hinn minnha permezz ta' tifħir lil Alla fil-forma ta' mużika u kant. Il-kor jiltaqa' darbtejn fil-ġimgħa fl-Oratorju għall-provi għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija u għall-animazzjoni tal-quddiesa tad-9:30 kull nhar ta' Ħadd filgħodu. Filwaqt li żamm ħajjin il-kant u l-antifoni antiki, ħafna minnhom bil-Latin, il-Kor qatt ma qagħad lura milli jdaħħal għażla ta' espressjonijiet liriċi ġodda fir-repertorju tiegħu.

# 12.6

## L-Għaqda Ninu Cremona

Minbarra ħidma estensiva fl-appostolat tal-formazzjoni reliġjuża, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù minn dejjem serva ta' benniena fil-qasam kulturali. Minn dejjem ġibed lejh żgħażagħ li kienu interessati fid-diversi oqsma tal-arti u l-letteratura li ppruvaw jagħmlu xi ħaġa konkreta biex iberrħu l-gosti u l-interessi tagħhom 'il barra mill-kanċell taċ-ċentru. Fil-bidu tas-snin sebgħin insibu grupp żgħir ta' żgħażagħ li kienu mixgħula bl-imħabba tagħhom għall-ilsien Malti li fl-Oratorju sabu l-kenn minn fejn setgħu jibdew jifirxu l-ħidma tagħhom fil-pubbliku. Immexxija b'ħila u determinazzjoni minn Sammy Calleja (1952-1998), dawn iż-żgħażagħ waqqfu l-Għaqda Ninu Cremona. Fl-4 ta' Jannar 1972 kien għadu kemm miet il-lingwista Ninu Cremona (1880-1972), il-bniedem li jibqa' magħruf għax-xogħol kolossali tiegħu biex il-Malti jkollu alfabett u ortografija standardizzati. Huwa ppubblika r-regoli ta' kif kellu jinkiteb il-Malti fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* fl-1924 u minn hemm 'il quddiem stinka u bata biex jippromwovi l-Malti, anki meta kellu jeħodha kontra pressjonijiet politiċi kbar. Iż-żgħażagħ Oratorjani Mostin ħadu ispirazzjoni minn dan il-patrijott biex isenslu ħidma fejjieda favur il-Malti fis-soċjetà.

### Skop u kompetizzjonijiet

Ix-xiħ Malti jgħid li 'l-kliem iqanqal, imma l-eżempju jkaxkar'. Ninu Cremona kien ta' ispirazzjoni mhux biss għal dawk li ħadmu għalenija miegħu fi ħdan l-Akkademja tal-Malti, imma wkoll għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda li ġew warajh. Meta kien għadu kemm għalaq għajnejh għad-dinja darba għal dejjem, feġġet din l-Għaqda ġdida msemmija għal ġieħu fl-Oratorju tal-Mosta,

> L-Għaqda hi prinċipalment kulturali u letterarja, u mill-ewwel meddet għonqha biex iżżid il-kultura fost il-membri tal-Oratorju, tixgħel fihom imħabba għal-letteratura, tqawwi fihom talenti ta' kitba u li tagħtihom fuq kollox opportunità biex jaqraw u jitgħallmu. B'hekk jidhru l-orizzonti ta' ibħra ta' proża, ta' poeżija, ta' folklor, ta' storja, mużika, xjenza u dak kollu li wieħed jista' jifhem b'tagħrif kulturali u edukazzjoni (Paul P. Borg, 1986: 353).

L-attivitajiet u l-laqgħat tal-Għaqda Ninu Cremona kienu jsiru fl-Oratorju u kienu jiġbdu lejhom mhux biss żgħażagħ Mostin, imma wkoll dawk minn barra r-raħal. Mill-ewwel deher li din l-Għaqda b'għeruq Mostin kellha l-potenzjal li tifrex dlielha 'il barra mill-konfini tal-lokalità tar-Rotunda. Fil-minuti tal-kumitati, kemm tal-Azzjoni Kattolika u kemm tal-Għaqda Studenti Mostin, insibu diversi referenzi għal kompetizzjonijiet letterarji mnedija mill-Għaqda Ninu Cremona. Fost dawn insibu inizjattivi għall-aħjar esej, għall-aħjar poeżija, għall-aħjar novella u għall-aħjar xogħol ta' riċerka. Kienu jiġbdu lejhom l-attenzjoni ta' ħafna u dan kollu kompla jgħin biex iseddaq il-kultura edukattiva fost iż-żgħażagħ Mostin tas-sebgħinijiet.

### *Lejn ix-Xefaq*

Għalkemm, illum, forsi isem l-Għaqda ntesa minn ħafna, iżda mhux hekk jista' jingħad għall-pubblikazzjoni tagħha, *Lejn ix-Xefaq*. Bħala direttur tal-Għaqda u editur ta' din ir-rivista letterarja sa mill-bidu nett, Sammy Calleja daħal għal din il-biċċa xogħol b'ruħu u ġismu. L-ewwel edizzjonijiet ta' *Lejn ix-Xefaq* kienu umli, maħruġa stensiljati bil-magna tal-*Gestetner* u b'ċirkolazzjoni ta' ħamsin kopja fl-Oratorju stess. B'danakollu xorta kienet esperjenza tremenda mil-lat editorjali; trid tħeġġeġ il-kittieba, tiggwida, tikkoreġi, tedittja u tistensilja f'għamla ta' ktejjeb darba fix-xahar. Bdiet tkun ukoll inkoraġġita l-prattika li r-rivista tkun tinkludi għamla ta' faxxikli li fl-aħħar jinqalgħu u jitwaħħdu fi ktejjeb.

> Iċ-ċirkolazzjoni nbdiet fil-Mosta biss u kienet ikkonċentrata hemmhekk, iżda maż-żmien intgħaraf il-potenzjal ta' rivista ta' din l-għamla u xterdet fl-irħula u l-bliet tal-qrib ukoll. Minn dak iż-żmien ir-rivista evolviet u mxiet 'il quddiem b'passi ta' ġgant – xhieda li s-Soċjetà Ninu Cremona hija għaqda ħajja. Ir-rivista ma baqgħetx stensiljata, iżda bdew jipprintjawha fi stamperija f'daqs akbar, għamla aktar li tiġbed, u bil-kopertina fdata fl-idejn artistiċi tal-fotografu Mosti, Joseph A. Vella. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura ma damx ma għaraf l-utilità tar-rivista u ta l-permess tiegħu biex tibda tinbiegħ fl-iskejjel... Dan hu l-isbaħ ċertifikat li qatt jista' jingħata lir-rivista. (Paul P. Borg, 1986: 354)

L-awtur u karikaturista Ġorġ Mallia jgħid li *Lejn ix-Xefaq* huwa tabilħaqq *a labour of love* ta' Sammy Calleja (Mallia, 2013). Għal snin twal Sammy kien jagħmel ix-xogħol ta' editur bla ħlas, kollox volontarjament, kollox f'ġieħ ilsien art twelidu li lilu kien iqim. Wara snin ta' ħidma kontinwa, *Lejn ix-Xefaq* tant kiber li taħt it-tikketta tiegħu bdew joħorġu għadd ta' kotba ta' stejjer. L-artist Ġorġ Mallia mhux l-ewwel darba li kkontribwixxa tpinġijiet oriġinali b'risq il-pubblikazzjonijiet ta' Lejn ix-Xefaq, bħal ma ġara fil-każ tas-sensiela *Il-Ħrejjef tas-Sħarijiet tal-Aħwa Grimm* (1979/1980),

> *I was still a student doing my first degree at the University when Sammy commissioned the illustrations for the first of five books from me, and this was my first large illustration project ... leading to some 50 illustrations, plus covers. The first three books I separated by*

> *hand in two colours, the last two were also separated by hand, but this time in four colours. They are a tribute to the work of Sammy Calleja who believed in books and particularly children's books in Maltese, even at a time when publication was very expensive and returns very small.* (Ġorġ Mallia, 2013)

Ħafna mir-rivisti u l-pubblikazzjonijiet sussegwenti ta' *Lejn ix-Xefaq* għadhom jinstabu fil-libreriji pubbliċi u skolastiċi, u għadhom imfittxija u moqrija minn ħafna. Jien niftakar li fil-librerija tal-Oratorju kien hemm arkivjati għadd ġmielu ta' edizzjonijiet ta' *Lejn ix-Xefaq* li għal numru ta' snin kien f'kompetizzjoni diretta ma' *Sagħtar*, ir-rivista tal-*Malta Union of Teachers* li baqgħet toħroġ sal-2015.

## Il-kontribut ta' Sammy Calleja

Isem il-kittieb tal-Innu tal-Mosta, Sammy Calleja, għandu rabta speċjali mal-Oratorju tal-Mosta. Kien attiv f'dan iċ-ċentru għal bosta snin u fi ħdanu fforma u mexxa lill-Għaqda Ninu Cremona (Schiavone, 2009: 407). Stinka kemm felaħ biex ixerred il-kultura fost ċrieki usa' tas-soċjetà u ħaddem il-Malti bl-akbar għożża u żelu. L-Oratorju servieh ta' inkubatur għall-pubblikazzjonijiet ta' *Lejn Ix-Xefaq* u meta ra li l-proġett kiber u ssaħħaħ varah fuq skala nazzjonali. Dan hu s-sabiħ tal-Oratorju. Ċentru taż-żgħażagħ li qatt ma serva biex jagħlaq lill-membri tiegħu f'dinja għalihom, imma propju biex jiftaħhom għad-dinja. Il-formazzjoni u l-opportunitajiet li jagħti l-Oratorju jibqgħu mal-individwu tul ħajtu kollha u huma għajn ta' kull ġid, grazzja u karriera.

# 12.7

# Il-Grupp 'Il-Ħabbara tal-Paċi'

Is-snin sittin ġabu magħhom rivoluzzjonijiet kbar madwar id-dinja kollha. Il-qawmien tal-istudenti f'Pariġi biex ibiddlu l-*istatus quo* soċjali u politiku. Il-moviment tal-*hippies* fl-Istati Uniti bl-għajta tagħhom ta' '*make love not war*' ppruvaw jissensibilizzaw lis-soċjetà kontra l-kruha tal-gwerer fil-Vjetnam u l-Kambodja. Magħhom ingħaqdu diversi gruppi *rock* fl-Ingilterra u l-Amerika li bil-lirika tagħhom mimlija frustrazzjoni ġabu magħhom tregħid mill-qiegħ tal-istrutturi politiċi, ekonomiċi, u kulturali. Quddiem dan it-tibdil soċjali kollu fuq livell globali, l-istituzzjonijiet bdew jirreaġixxu biex iniedu riformi interni ħalli b'hekk jibqgħu appellabli għall-gosti u l-ħtiġijiet dejjem jinbidlu tal-massa. Ħadd ma kien baqagħlu moħħu mistrieħ li hekk kif kien minn dejjem, se jibqa' għal dejjem. Il-ġenerazzjonijiet il-ġodda ma kinux aktar interessanti fit-tiġdid ta' tradizzjonijiet qodma u għamlu minn kollox biex jaqilbu l-ordni tad-dinja ta' taħt fuq. Bdew jilbsu u jaġixxu b'modi għal kollox 'il barra min-norma ta' żmienhom. Ħolqu kodiċi ġdid ta' ħajja msoqqi bil-'*flower power*'. F'dan il-kuntest ta' bidliet drammatiċi li heżżu mis-sisien lis-soċjetà globali, il-kardinali u l-isqfijiet Kattoliċi ssejħu mill-Papa Ġwanni XXIII fil-Vatikan biex jieħdu sehem fil-Konċilju Vatikan II (1962-1965). Il-Knisja ma setgħetx tibqa' staġnata fil-konfront ta' dawn l-iżviluppi u għalhekk inħass aktar minn qatt qabel il-bżonn tal-aġġornament, it-tibdil, l-orjentamenti u l-attitudnijiet ġodda.

### Tiġdid fit-tradizzjoni tal-mużika sagra

Permezz tal-Konċilju Vatikan II, il-Knisja Kattolika Rumana riedet tagħmel evoluzzjoni siekta, imma siewja, ta' kif tissokta twassal l-aħbar it-tajba f'dinja li kienet qiegħda tinbidel radikalment. Ġew konklużi sittax-il dokument li kellhom iġeddu l-istrutturi tal-Knisja, iwaqqfu ċerti prattiċi u jiddaħħlu oħrajn ġodda, irewħu spirtu ekumeniku ma' knejjes oħrajn u jorjentaw lis-saċerdoti u lir-reliġjużi biex jifhmu aħjar id-dinamika tal-ħajja kontemporanja. Id-dokument *Sacrosanctum Concilium* (1963) ittratta l-aġġornament fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u kien strumentali biex il-quddies ma jibqax iċċelebrat biss bil-Latin, imma wkoll bl-ilsna tal-post. Fost ħwejjeġ oħra, minbarra l-arti sagra,

dan id-dokument jittratta wkoll il-mużika sagra bħala għajnuna mill-iżjed effettiva għal-liturġija ħajja. Filwaqt li jafferma li l-orgni għandu jibqa' 'jinżamm f'qima kbira bħala strument tradizzjonali tal-mużika' tal-Knisja, id-dokument ta l-approvazzjoni għall-użu ta' strumenti ġodda,

> Strumenti oħra jistgħu jiddaħħlu fil-kult divin skont il-ġudizzju u bil-kunsens ta' l-awtorità kompetenti tal-post..., basta jkunu addattati jew jistgħu jiġu addattati għall-użu qaddis, ikunu jixirqu għad-dinjità tat-tempju, u jwasslu għall-edifikazzjoni tal-fidili. (*Sacrosanctum Concilium*, 1963: Art. 120)

## Il-gruppi folk fil-quddies

Dan l-aġġornament wassal biex fis-snin sittin bdejna naraw it-tfaqqis ta' diversi gruppi folk, ħafna drabi bil-kitarri u ċ-ċekċieka, li bdew janimaw il-quddies tal-Ħadd, partikolarment dawk indirizzati lejn udjenza żagħżugħa. Hekk twieldet 'il-quddiesa folk' li tant kienet popolari fis-snin sittin u sebgħin f'pajjiżna u fil-bqija tal-pajjiżi Ewropej. L-animazzjoni u l-kant fuq stil folk taw nifs ġdid liċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi u kienu strumenti moderni għal dak iż-żmien biex iż-żgħażagħ jimpenjaw iżjed ruħhom fil-ħajja tal-knisja. Tiskanta x'seħer għandha daqsxejn ta' kitarra biex tiġbed in-nies lejha!

## Esperiment li rnexxa

F'dan il-kuntest storiku niftiehem aħjar meta ngħid li fis-snin sebgħin, fir-Rotunda u fil-kappelli madwar il-Mosta, bdew jinstemgħu idoqqu numru sabiħ ta' kitarri akkumpanjati minn ilħna żgħażagħ li taw xejra aktar moderna u appellabli lill-quddiesa li issa bdiet tingħad bil-Malti. Kien beda jinħasad il-frott tal-Konċilju li kien tlaqqa' għaxar snin qabel.

> Għall-quddies folk kien jattendi numru ta' tfajliet li kienu jdoqqu u jkantaw. Minn hemm bdiet tinbet l-idea li xi darba jiġi ffurmat grupp ta' żgħażagħ moderni u serji li jibdew jieħdu dan il-kant b'aktar serjetà biex b'hekk barra milli jsebbħu l-quddiesa folk tal-Oratorju, jkunu jistgħu jagħtu messaġġ tas-songs lil numru akbar ta' nies, filwaqt li jħeġġuhom biex jieħdu sehem iktar fil-kant. (E.B. Vella u oħrajn, 1986: 328)

Barra mill-għajnuna li sabu m'għand il-ħbieb u s-saċerdoti Mostin, il-grupp folk Mosti ingaġġa ukoll lil Tony Farrugia li beda jgħinhom u jħarriġhom fid-daqq tal-kitarri u l-intonazzjoni tal-vuċijiet. Mal-mogħdija tax-xhur, il-grupp beda jissoda u jikber, tant li eventwalment inħass il-bżonn li jiddaħħlu l-ilħna maskili flimkien ma' dawk oriġinali femminili. Fl-1975 dan il-grupp folk li ngħata l-isem *Il-Ħabbara tal-Paċi* kien kiber ġmielu u l-ambizzjoni tiegħu kien li jibda janima l-quddiesa tat-8 tal-Ħadd filgħodu - il-quddiesa li għal snin twal kien iqaddes Dun Anġ tal-Oratorju - u li kellha l-fama bħala

'l-quddiesa taż-żgħażagħ'. U hekk ġara fil-fatt. Il-kitarri daħlu fir-Rotunda u l-kordi tagħhom ħadu post is-sfafar tal-orgni. Kien żmien ġdid li kien jeħtieġ esperimenti ġodda.

## Biex jikber sehem il-kotra fil-kant

Il-grupp *Il-Ħabbara tal-Paċi* kien jiltaqa' fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù u, minbarra fir-Rotunda, kien jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-liturġija li kienu jsiru fil-Kappella ta' Sant' Andrija u għand is-Sorijiet Agostinjani. Kien immexxi minn kumitat ħabrieki li anki rnexxielu jistampa għadd ta' fuljetti tal-kant biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-kongregazzjoni waqt il-liturġija. Maż-żmien il-grupp kompla jittrasforma ruħu u lejn l-aħħar tat-tmeninijiet beda jkun magħruf bħala *Il-Kor tat-8* peress li baqa' janima l-quddiesa tat-8 tal-Ħadd filgħodu ċċelebrata dejjem minn Dun Anġ Camilleri fir-Rotunda. Il-provi bdew issa jsiru fis-sala parrokkjali, iżda l-ħoss distintiv tal-kitarri baqa' l-għelm l-iżjed partikulari ta' dan il-grupp.

## Mill-folk għar-*rock*

Mal-mogħdija taż-żmien il-ġeneru tal-mużika folk beda jitlef mill-impatt tiegħu fuq iż-żgħażagħ. L-istil kumpless u werżieqi tar-*rock* kien evoluzzjoni fuq is-sempliċità tal-folk. Il-kitarri elettriċi u eċċentriċi tar-*rock* ħadu post il-kordi sempliċi tal-kitarri Spanjoli, u minflok b'quddiesa folk, iż-żgħażagħ tal-parroċċa bdew joħolmu bir-*rock mass*. Kien fl-1983 meta kienet organizzata l-ewwel *rock mass* fil-knisja parrokkjali tal-Mosta u għaliha attendew *rockers* libsin l-iswed, mimlija bl-i*studs* u b'xagħarhom twil u mqanfed minn madwar Malta kollha. Imma issa din storja oħra... Il-Konċilju Vatikan II kien fetaħ tieqa innovattiva fil-kant liturġiku u l-Oratorju tal-Mosta ma baqax lura biex joffri l-ispazju u l-opportunitajiet tiegħu u hekk iħawwel, isaqqi u jaħsad frott ġdid fl-għelieqi għammiela tal-Mulej.

# 12.8

# L-Għaqda Talent Mosti

Dik li llum hija magħrufa bħala l-Għaqda Filantropika Talent Mosti li topera mir-Razzett tal-Markiż, biswit l-iskola Sekondarja Marija Regina fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel, taf l-oriġini tagħha fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. F'nofs is-snin tmenin, żewġ żgħażagħ Oratorjani – Edwin Vassallo u Reuben Caruana – ingħaqdu flimkien biex jifformaw *pageant group* u li huma semmewh Talent Mosti. Dan kien fl-1983. Il-ħsieb tagħhom kien li jispeċjalizzaw fl-użu kreattiv tat-teatru biex iwasslu messaġġ nisrani. Filwaqt li Edwin Vassallo kien jinseġ l-iskript tad-drammi, Reuben Caruana kien jieħu ħsieb id-direzzjoni artistika, sakemm eventwalment kemm il-kitba u kemm id-direzzjoni għaddew f'idejn tal-ewwel.

## Sensiela ta' *pageants*

Ma' dawn iż-żewġ fundaturi bdew jinġabru għadd sabiħ ta' żgħażagħ u l-Oratorju kompla jimtela bin-nies. Il-vantaġġ ta' Talent Mosti fuq l-Azzjoni Kattolika kien li dan il-grupp il-ġdid kien miftuħ kemm għall-ġuvintur u kemm għat-tfajliet, xi ħaġa li fil-Ġuvintur Azzjoni Kattolika dan ma setax iseħħ. Għalhekk mhux ta' b'xejn li donnu bdiet tinħoloq pika bejn iż-żgħażagħ tat-Talent Mosti u l-ittesserati tal-Azzjoni, għalkemm ħafna minnhom – naturalment il-ġuvintur – kienu membri taż-żewġ għaqdiet. Intant l-ewwel rappreżentazzjoni ta' Talent Mosti kienet il-*pageant* '*L-Omm li Tħobb*' fl-1984 fuq kitba ta' Edwin Vassallo u direzzjoni ta' Reuben Caruana. Dan il-*pageant* kien jirrakkonta ħajjet il-Madonna u kien ittella' b'suċċess fuq iz-zuntier tar-Rotunda. Għadni nġib quddiem għajnejja kemm irsistew iż-żgħażagħ tal-Oratorju biex jipperswadu lill-Arċipriet Dun Joe Carabott biex l-istatwa ta' Santa Marija tinħareġ fil-bieb maġġuri tal-knisja fi tmiem ir-rappreżentazzjoni. U għalkemm ma kinitx ħaġa faċli, balleċ irnexxielhom jipperswaduh u l-folla ċapċpet għalenija hekk kif rat l-istatwa tiżżeffen bejn il-portiku. Kienet il-lejla tas-7 t'Awwissu 1984.

L-appuntament teatrali ta' Talent Mosta kompla sena wara, eżattament nhar is-27 ta' Marzu 1985, meta fir-Rotunda ttella' l-ewwel u l-uniku dramm tal-passjoni, *Il-Fidwa.*

Il-Mostin u oħrajn minn barra r-raħal kienu attendew bi ħġarhom u minn dik is-sena 'l quddiem, id-dramm oriġinali tal-passjoni, dejjem fuq kitba ta' Edwin Vassallo, sar appuntament annwali fil-kalendarju tal-Oratorju (ara kapitlu 13.2). Wara l-ewwel avventura fir-Rotunda, id-drammi tal-passjoni bdew jittellgħu fit-teatru tal-Oratorju. Kif għedna fil-bidu, Talent Mosti kien responsabbli minn dawn id-drammi tal-passjoni li bdew jittellgħu fi tmiem il-ġimgħa meta jkun iċċelebrat Ħadd il-Palm, imma wara tliet snin il-produzzjoni għaddiet taħt ir-responsabbiltà tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika kif baqgħet għal ħafna snin.

Biċċa xogħol oħra kbira li kien indaħal għaliha Talent Mosti fl-ewwel snin tal-formazzjoni tiegħu kienet il-*pageant 'Storja ta' Poplu'* li kien ittella' b'mod spettakolari fil-pjazza tal-Mosta, maġenb ir-Rotunda, nhar is-7 t'Awwissu 1985. Fuq skript u direzzjoni ta' Edwin Vassallo, dan id-dramm b'xeħta ta' *musical* irrakkonta l-istorja tal-Mosta u l-Mostin minn żmien il-ħaġar sal-ġrajja tal-inkurunazzjoni fl-1975. Il-grupp mużikali *Gemini*, immexxi minn Brian Tonna, kien ħa l-inkarigu li jikteb numru ta' siltiet mużikali bis-sehem tal-kantanti Tarcisio Sammut u Miriam Haber, flimkien mal-ilħna tal-Kor Santa Ċeċilja. Dawn is-siltiet kienu rrekordjati fl-istudjos ta' Xandir Malta u eventwalment inbiegħu fuq *cassette-tapes*. Il-membri kollha tal-kast għadhom jiftakru b'nostalġija f'dan l-avveniment teatrali li wera kif l-istorja tal-Mostin hija mfannda fil-kult Marjan li baqa' jintiret u jiġġedded matul il-ġirja tas-sekli.

Il-ħidma ta' Talent Most f'dan iż-żmien bikri tal-formazzjoni tiegħu kienet waħda attiva ħafna u ma taqta' xejn. Fil-bidu tal-kwindiċina tal-1986, eżattament nhar il-31 ta' Lulju u l-1 t'Awwissu, Talent Mosti pproduċa manifestazzjoni teatrali u mużikali bl-isem *Sultana tal-Paċi* fil-grawnd tal-Oratorju. Il-kitba u d-direzzjoni kienu f'idejn Edwin Vassallo. Għadni niftakar fil-pjattaforma innovattiva li kienet armata f'nofs il-grawnd bis-siġġijiet tal-udjenza mdawra magħha. Fi kliem Louis Vassallo, il-Viċi President attwali ta' Talent Mosti,

> Din kienet manifestazzjoni favur is-sliem fis-sena internazzjonali ddedikata għall-paċi. Dan id-dramm kien xi ħaġa insolità b'diskussjoni tbaqbaq il-ħin kollu, donnu *pot-pourri* fuq il-problemi li d-dinja taż-żgħażagħ b'mod partikolari kienet miżgħuda bihom: ġlied, mibegħda, firda, preġudizzji u egoiżmu… il-finali bil-kant tal-*Ave Maria* kien jistħoqqlu dik iċ-ċapċipa ħerqana u spontanja tal-udjenza. (Louis Vassallo, 2008: 24)

Din kienet produzzjoni tabilħaqq mhux tas-soltu għax mal-arti teatrali, twaħħdu wkoll elementi oħrajn, inkluż mużika, kant, żfin, diskussjonijiet mqanqla, protesti simboliċi u manifestazzjoni Marjana *aux flambeau*. Naturalment, xogħol ta' dan it-tip kien jinkludi ġeġwiġija ta' żgħażagħ li taw sehemhom kemm quddiem u kemm wara l-kwinti.

## Jitfaċċaw Wenzu u Rożi

Fis-snin sebgħin u tmenin kienu popolari ħafna dawn il-*pageant groups* mhux biss fil-Mosta, imma wkoll f'ħafna parroċċi fid-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex. Kienu mezz ta' formazzjoni, żvog u teatru b'messaġġ li joffri l-aqwa ambjent biex 'ibiegħed liż-żgħażagħ mill-perikli u l-vizzji', waqt li jipprovdilhom ambjent san u innovattiv għal dawk iż-żminijiet. Biż-żmien, bejn għax l-entużjażmu tal-bidu jibda jmajna u bejn minħabba l-animożità min-naħa tal-Azzjoni Kattolika, il-grupp Talent Mosti sfaxxa fix-xejn. Imma mhux kollox kien mitluf għax iż-żerriegħa li kienet tħawlet fl-1983 reġgħet spuntat b'rimja ġdida fl-1990 meta Joe Bartolo (il-President attwali) u Joe Borg (imlaqqam Kaspitina) użaw l-isem ta' Talent Mosti sabiex jgħaqqdu grupp ta' atturi dilettanti u hekk ħadu sehem fil-Lejla ta' Talent organizzata bħala parti mill-Festa tal-Qalb ta' Ġesù organizzata mill-istess Oratorju fl-1990. Huma fettlilhom joħolqu xi skeċċ jew tnejn ibbażati fuq il-karattri tal-avukat George Zammit, *Wenzu u Rożi*, u tellgħuhom fuq iz-zuntier tal-Oratorju. In-nies inkarmet għal dawn ir-reċti maħduma bid-djalett naturali Mosti. Ridithom bi ħġarha u kollox wera li kien hawn suq tajjeb għalihom. Dan kien ifisser ir-rifondazzjoni tal-grupp Talent Mosti fl-Oratorju li issa beda jiffoka mhux iżjed fuq *pageants* b'messaġġ nisrani, imma fuq produzzjonijiet ta' vidjows b'għan filantropiku. Kien f'dan il-perjodu li dan il-grupp iġġedded mill-pedament u beda jsejjaħ lilu nnifsu Għaqda Filantropika Talent Mosti.

Dwar ħidmietu fuq il-palk tal-Oratorju, Joe Borg li kien wieħed mill-pijunieri fit-twaqqif mill-ġdid ta' Talent Mosti, qalli hekk,

> Il-palk tal-Oratorju laqqagħni ma' diversi persuni validissmi bħala atturi, fosthom ma' Joe Bartolo (Ta' Spir), Raymond Sammut (l-Iskoċċ), Tony Galea, l-aħwa Dione u Manwel Schembri, Pawlu u ħuh Mark Schembri, Carol Brewer, il-koppja Charlie u Doris Stroud, Frank Vella u oħrajn. Dun Anġ dejjem laqagħni bil-ħlewwa u kien jgħidli, 'Sur Borg, il-bieb dejjem miftuħ għalik'. U jien kont ngħidlu, 'Ħallik mis-swarijiet, Dun Anġ!' Ġieli kien hemm mumenti meta kont inġorr lil marti Mary u liż-żewġ uliedi, Cynthia u Alison, fuq il-palk tal-Oratorju. Dejjem qist lill-Oratorju bħala post *safe* għall-familja kollha. Kien ikolli moħħi mistrieħ. (Joe Borg, 2015)

## Mid-drama għall-filantropija

Intant fil-bidu tad-disgħinijiet ġie fformat kumitat biex jibda jieħu ħsieb l-attivitajiet tal-Għaqda Talent Mosti u s-seduti kienu jsiru fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Din id-darba ma kienx hemm piki bla bżonn mal-għaqdiet l-oħra tal-Oratorju, inkluż il-fergħa tal-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika. Issa Talent Mosti ma kienx baqa' mmirat għaż-żgħażagħ, iżda sar jiġbed lejh irġiel u nisa adulti wkoll. Jien servejt fil-kariga ta' assistent segretarju fl-ewwel kumitat ta' Talent Mosti wara r-rifondazzjoni u flimkien mal-bqija tal-membri fassalna bosta inizjattivi biex permezz tat-talent tad-drama stajna nkunu ta' soljev finanzjarju b'risq istituzzjonijiet u individwi fil-bżonn. L-iskop prinċipali tal-Għaqda

matul id-disgħinijiet kienu l-iffilmjar ta' diversi vidjows imsejsa fuq il-karattri ta' *Wenzu u Rożi*, u anki Ġaħan u li l-qligħ minnhom kien imur kollu għal għanijiet filantropiċi.

> Hu interessanti li l-ewwel €2,325 li l-Għaqda daħħlet mill-bejgħ tal-ewwel vidjow fis-sensiela *Wenzu u Rożi* u minn oħrajn li nħadmu aktar tard, ingħataw propju bħala għajnuna lill-Oratorju Qalb ta' Ġesù biex jittejjeb l-appostlat fost iż-żgħażagħ tal-lokal. Il-bqija taċ-ċentri tad-duttrina tal-Mosta wkoll ibbenefikaw minn din il-ħidma. Kien hemm ukoll flus li ngħataw għar-restawr tal-knisja tal-Mosta u għall-Fond tal-Karità fl-istess parroċċa... Gawdew ukoll il-Caritas (Malta) u d-Dar tal-Providenza. (Louis Vassallo, 2008: 28)

Niftakar tajjeb ħafna meta fl-1997/1998 ktibt u dderiġejt ir-raba' u l-aħħar vidjow fis-sensiela Wenzu u Rożi bl-isem *Meta x-Xitan Radd is-Salib.* Kont għadni kemm iggradwajt b'suċċess mill-kors fl-Università u din kienet l-ewwel darba li ħakkejt mal-lenti tal-kameras. Kemm konna nieħdu gost nilbsu l-għonnelel, il-brieret, is-sdieri u l-qrieq u niffilmjaw fl-irziezet antiki tal-Bidnija, Għajn Riħana, id-Dwejra u Ta' Buqana. Għalkemm atturi dilettanti, il-membri ta' Talent Mosti kellhom tabilħaqq talent ta' kif jirreċtaw bl-użu naturali tad-djalett Mosti u li bla ma trid iġiegħluk tidħak bil-praspar tagħhom. Kemm nies, partikolarment tfal u morda, dawru dawn l-imberkin vidjows biex jaraw l-istejjer għal kemm-il darba bla ma qatt jixbgħu minnhom. Niftakar sew lil missieri, magħkus u marid ħafna fl-aħħar snin ta' ħajtu, jara fil-kwiet il-bawxati li konna nagħmlu fuq it-tertuqa. Kien jidħak waħdu, xi drabi jixraq, waqt li kien jerġa' jarahom donnu għall-ewwel darba.

## Ir-rabta mal-Oratorju

Permezz tal-flus miġbura mill-bejgħ ta' dawn il-vidjows, l-Oratorju kompla jsebbaħ il-kappella b'żewġ opri artistiċi li tħallsu minn Talent Mosti fis-snin disgħin. Fil-fatt, insibu li l-pittura li turi lil Kristu Rxoxt, xogħol l-artist George Apap, fil-kappella tal-Oratorju tħallset minn din l-Għaqda. Hekk ukoll tħallsu il-figuri fl-injam tat-tnax-il appostlu flimkien max-xbieha ta' Ġesù li kienu jakkumpanjaw il-mejda tal-appostli u li kienet tkun armata fil-kappella matul il-ġimgħa mqaddsa. Dan is-sett inħadem fl-injam minn Mastru Franġisk Tonna u tpitter mill-istess George Apap.

Dun Anġ dejjem assuma r-rwol ta' direttur spiritwali ta' Talent Mosti, anki meta l-Għaqda ma baqgħetx tuża lill-Oratorju bħala s-sede tagħha u eventwalment imxiet lejn ir-Razzett tal-Markiż fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel. Id-diriġenti tal-lum ta' Talent Mosti baqgħu ma nsew qatt l-ospitalità ta' Dun Anġ li pprovda l-ispazju tal-Oratorju meta kienu għadhom bla dar uffiċjali tagħhom wara r-rifondazzjoni fl-1990. Tant hu hekk li fit-teatru miftuħ fir-Razzett tal-Markiż ġie installat l-uniku bust li hawn fil-Mosta f'ġieħ Monsinjur Anġelo Camilleri. Dan ix-xogħol fil-*fibreglass* inħadem mill-iskultur Shaun Saliba u kien mikxuf waqt serata komemorattiva li saret nhar it-3 t'Ottubru 2008. 'Dun Anġ kellu qalbu tajba u magħna dejjem mexa tal-akbar raġel', hekk temm jgħidli l-President attwali, Joe Bartolo, meta kellimtu f'waħda mill-għorof tar-Razzett.

Illum l-Għaqda Filantropika Talent Mosti stabbiliet ruħha bħala entità ewlenija fl-oqsma tal-kultura u l-filantropija. Il-kwartier tagħha fir-Razzett tal-Markiż biddlitu f'ċentru nazzjonali ta' kultura. Hija storja ta' suċċess li tixhed għall-ħidma sfiqa u volontarja mwettqa mill-kumitat u l-membri attivissimi tal-Għaqda li bir-raġun kollu hija kburija bil-kisba ta' *Ġieħ il-Mosta* fl-2001. Aktar tagħrif dwar din l-Għaqda jista' jinkiseb minn fuq is-sit elettroniku: http://talentmosti.com